

Brussell, 5 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

6926/26

MAR 27  
TRANS 112  
JAI 300

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-Istrateġija Portwarja tal-UE
----------	---

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 112 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 112 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.3.2026  
COM(2026) 112 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-Istrateġija Portwarja tal-UE**

{SWD(2026) 81 final}

## 1. INTRODUZZJONI

Għal eluf ta' snin, in-nies, il-merkanzija u l-ideat iltaqgħu fil-portijiet u għaddew minnhom. Il-volum kbir ta' attività madwar il-portijiet wassal għall-ħolqien tal-bliet tal-portijiet li nafu llum, u l-ilħuq tal-portijiet kompli jiġi estiż, u b'hekk issaħħaħ il-kummerċ reġjonali u globali. Illum, **is-saħħa industrijali u l-kapaċità tal-esportazzjoni tal-UE jiddependu fuq il-kapaċità tagħha li tkun konnessa b'mod sod mal-flussi kummerċjali globali.** Il-portijiet huma interfaċċi essenzjali bejn l-ekonomija Ewropea u s-swieq internazzjonali. Il-portijiet huma wkoll **kollegamenti essenzjali għall-gżejjer, għar-reġjuni kostali u ultraperiferiċi, li għandhom jiġu ppreżervati.**

Il-ġeopolitika titmexxa direttament permezz tal-ktajjen tal-provvista tagħna, u l-portijiet tagħna huma vitali **għas-sigurtà u għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa.** Il-portijiet iridu jespandu l-kapaċità, jiddekarbonizzaw, jiddiġitalizzaw u jsaħħu s-sigurtà, simultanjament u fuq skala kbira. **Dawn għandhom il-potenzjal li jsiru ospitanti għal industrija ġdida, għal enerġija nadifa, għal raggruppamenti ta' innovazzjoni u llum diġà għandhom rwol kruċjali għall-provvista tal-enerġija, għad-difiża u għall-ekonomija blu tal-UE.**

It-trasformazzjoni ġgħib opportunitajiet għall-portijiet u għall-ekonomija tal-UE. Iżda b'mod parallel, il-portijiet huma esposti għal vulnerabbiltajiet u għal responsabbiltajiet ġodda – mill-ġlieda kontra n-networks kriminali organizzati, it-theddid ċibernetiku u tad-droni, għall-indirizzar tat-tħassib dwar is-sjieda barranija u l-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi. Hekk kif is-setgħat globali jissieltu biex jestendu jew jipproteġu l-isferi ta' influwenza tagħhom, il-portijiet jirriskjaw li jsiru kamp tal-battalja. Jeħtieġ li nsaħħu l-portijiet fir-rwol tagħhom bħala ċentri kummerċjali kompetittivi u li nappoġġawhom bħala infrastrutturi kritiċi għas-Sigurtà Ekonomika tal-UE u bħala fornituri ta' servizzi pubbliċi għar-reżiljenza tas-soċjetà tagħna.

**Il-portijiet tal-UE** jimmaniġġaw aktar minn 3,4 biljun tunnellata jew 74 % tal-merkanzija li tidħol jew li toħroġ mill-Ewropa u madwar 395 miljun passiġġier kull sena<sup>1</sup>. Bi kważi 3 miljun waqfa f'port fis-sena, l-UE hija responsabbli għal 23 % tal-waqfiet f'port madwar id-dinja. L-impronta ekonomika tagħhom laħqet fatturat ta' madwar EUR 90 biljun fl-2022 u madwar 423 000 impjeg dirett<sup>2</sup>. In-network trans-Ewropew tat-trasport huwa bbażat fuq 283 port tal-baħar, 223 port intern u 44 port imħallat. Il-portijiet żgħar u medji jipprovdu servizzi importanti fir-reġjuni ultraperiferiċi, fiż-żoni remoti, fil-gżejjer u fis-swieq speċjalizzati ħafna. L-atturi tal-port jinkludu l-awtoritajiet tal-port, l-operaturi tat-terminals, l-operaturi tal-laneċ tal-irmonk, il-bdoti marittimi, il-fornituri tal-bunkering u tal-faċilitajiet ta' lqugħ tal-iskart, li joffru servizzi lill-kumpaniji tat-tbaħħir u tal-loġistika u lil partijiet ikkonċernati oħra.

Fi proċess ta' konsultazzjoni wiesa'<sup>3</sup>, l-industrija, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra kkonfermaw il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività, tingħata s-setgħa lill-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija, li ssir dekarbonizzazzjoni, li jittejbu s-sigurtà u r-reżiljenza, li jiġu aċċessati l-finanzi u li l-portijiet isiru aktar sikuri u li l-postijiet isiru aktar siguri biex persuna taħdem fihom. Id-diversità tal-portijiet, f'termini ta' daqs, lokalizzazzjoni, segmenti tas-suq moqdiya, mudelli ta' governanza u partijiet ikkonċernati, titlob approċċ wiesa' u flessibbli.


<sup>1</sup>[https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Maritime\\_transport\\_of\\_goods\\_-\\_annual\\_data](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Maritime_transport_of_goods_-_annual_data)

<sup>2</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2771/2333701>

<sup>3</sup>[https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14659-EU-Ports-Strategy\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14659-EU-Ports-Strategy_mt)

Filwaqt li tibni fuq il-Politika dwar il-Portijiet tal-2013, l-UE issa taġixxi biex tippovdi qafas għall-futur tal-portijiet Ewropej. L-Istrateġija Portwarja tal-UE tiġbor flimkien inizjattivi, simplifikazzjoni u gwida kontinwi u ġodda dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kurrenti<sup>4</sup>.

## L-Istrateġija Portwarja tal-UE: ħames pilastri



## 2. TISĦIĦ TAL-KOMPETITTIVITÀ, L-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI

### 2.1. Żamma tal-kompetittività globali

Din l-istrateġija tappoġġa l-portijiet tal-UE fiż-żamma u fit-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom. Din tiffoka fuq l-innovazzjoni u fuq id-diġitalizzazzjoni, il-konnessjonijiet imtejba maż-żoni interni, il-prijoritajiet komuni ta' finanzjament tal-UE, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju.

Il-kummerċ marittimu huwa minnu nnifsu globali. Għalhekk, il-portijiet tal-UE jikkooperaw kif ukoll jikkompetu mal-portijiet madwar id-dinja, u b'hekk dawn ir-relazzjonijiet huma kumplessi u b'diversi aspetti. Il-portijiet u l-kumpaniji tal-UE jinvolvu ruħhom ma' portijiet ta' pajjiżi terzi f'oqsma bħall-enerġija nadifa u l-fjuwils alternattivi u jinvestu barra mill-pajjiż bħala parti mill-ktajjen loġistiċi globali. Dawn l-attivitajiet huma appoġġati minn diversi inizjattivi tal-UE u internazzjonali.

Il-kompetittività fil-portijiet hija affettwata mill-kostijiet (inklużi l-enerġija, ix-xogħol, l-investimenti appoġġati mill-Istat) u minn fatturi mhux relatati mal-kostijiet (speċjalment l-istandards u l-liġijiet applikabbli). Oqfsa legali mhux uniformi (għal aspetti ambjentali, soċjali u oħrajn) u strateġiji ta' investment aggressiv huma tħassib kbir għal kundizzjonijiet ekwi. Il-Kummissjoni qiegħda tfejji għall-aġġornament tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE fit-tielet trimestru tal-2026, segwit mir-rieżami ppjanat tar-Regolament FuelEU Maritime. Dan l-aġġornament, fost l-oħrajn, se jqis kwalunkwe kwistjoni potenzjali ta'

<sup>4</sup> L-Istrateġija Portwarja tal-UE tindirizza l-aspetti tat-trasport tal-portijiet marittimi u interni. Setturi oħra tal-Ekonomija Blu, b'mod partikolari t-turiżmu, is-sajd u l-marinas, huma koperti mill-Patt Ewropew għall-Oċeani, mill-Istrateġija tat-Turiżmu Sostenibbli tal-UE u mill-Istrateġiji Ewropej għar-Reġjuni Ultraperiferiċi, ir-reġjuni kostali u l-gżejjer.

implimentazzjoni li taffettwa l-kompetittività tal-portijiet Ewropej, b'mod partikolari r-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku lejn portijiet tat-trażbord mhux tal-UE.

Lil hinn mill-ipprezzar, il-kwalità tas-servizz u l-konnessjonijiet effiċjenti maż-żoni interni jibqgħu fatturi ewlenin għall-kompetittività tal-port. L-UE tappoġġa wkoll is-settur billi tiddefinixxi l-prijoritajiet ta' finanzjament (ara l-Anness 1). Permezz tal-programmi tagħha, l-Unjoni tappoġġa investimenti li jsaħħu s-sostenibbiltà, il-kompetittività, il-konnettività u r-reżiljenza<sup>5</sup>. Miżuri addizzjonali li jikkonċernaw il-manifattura u t-tbaħħir marittimu huma previsti fl-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE.

F'ċerti każijiet, l-UE tipprovdi wkoll finanzjament għall-portijiet fil-pajjiżi kandidati kif ukoll għal proġetti portwarji ta' pajjiżi terzi dwar diversi aspetti. B'din l-istrateġija, il-Kummissjoni tiddefinixxi prinċipji ċari (l-Anness 1) li se jiffurmaw il-bażi għall-**prijoritizzazzjoni ta' inizjattivi ta' benefiċċju reċiproku f'portijiet ta' pajjiżi terzi**. Il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE u l-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-prinċipji fl-inizjattivi tagħhom u jtejbu l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE.

L-aċċess għas-swieq tal-portijiet ta' pajjiżi terzi għandu jkun ibbażat fuq kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji għall-operaturi tal-UE u ta' pajjiżi sħab, b'mod partikolari, l-UE se tikkunsidra jekk tkomplex tagħti aċċess għas-suq barrani f'setturi sensitivi, bħas-servizzi portwarji, fejn l-operaturi tal-UE ma jirċevux aċċess komparabbli f'pajjiżi terzi. **Il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji ta' din l-istrateġija f'negozjati dwar ftehimiet internazzjonali u oqfsa ta' kooperazzjoni**. Hija se tkompli ssegwi l-aċċess għas-suq f'negozjati dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u, **flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), se timpenja ruħha ma' pajjiżi terzi biex tippromwovi kundizzjonijiet ta' investiment ġusti u aċċess ġust għan-negozji tal-UE** fl-infrastruttura u fl-operazzjonijiet portwarji. L-offerenti minn pajjiżi li jeskludu l-operaturi tal-UE, jew minn pajjiżi li magħhom l-UE ma kkonkludietx ftehimiet li jiżguraw aċċess ġust u mhux diskriminatorju, ma għandhomx jibbenefikaw minn aċċess mhux ristrett għal konċessjonijiet relatati mal-portijiet u għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi tal-UE.

Fl-aħħar nett, **l-Istati Membri u l-korpi ta' standardizzazzjoni tagħhom għandu jkollhom rwol ta' mexxejja fl-istabbiliment ta' standards tekniċi globali f'fora internazzjonali rilevanti**, inkluża l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). **Il-Kummissjoni se tappoġġa dawn l-isforzi permezz ta' fluss ta' ħidma ġdid dwar Portijiet u Terminals Innovattivi** taħt il-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea<sup>6</sup>.

## **2.2. Żgurar tas-sigurtà ekonomika tal-portijiet tal-UE**

Bħala mexxejja dinjija fil-ktajjen tat-trasport marittimu u tal-loġistika, il-portijiet Ewropej jattiraw l-investiment. Filwaqt li l-investimenti huma mixtieqa u meħtieġa, dawn jistgħu jiġu

---

<sup>5</sup> Il-Kummissjoni tappoġġa permezz tal-istrateġija Global Gateway u l-inizjattivi Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa bħall-Kuritur u l-Hubs ta' Tbaħħir Ekoloġiku ta' Global Gateway (GGGSCH) u l-Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa (IMEC) jew proġetti bħat-“Tbaħħir Lest għall-Futur fl-Afrika” kif ukoll inizjattivi ġodda potenzjali skont il-Patt għall-Mediterran. L-approċċ strateġiku tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed se jsaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet multilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji, filwaqt li jippreżerva l-kompetittività tal-UE.

<sup>6</sup> [https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/goods/european-standards/standardisation-policy\\_en](https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/goods/european-standards/standardisation-policy_en)

b'riskji għas-sigurtà, skont is-sors. Is-sjieda jew l-influwenza barranija f'assi strateġiċi tal-port jistgħu jqajmu dubji leġittimi dwar l-allinjament fit-tul mal-interessi tas-sigurtà ekonomika tal-UE, speċjalment fejn ikunu involuti atturi appoġġati mill-Istat. Il-Kummissjoni diġà qiegħda tindirizza l-influwenza barranija u s-sigurtà ekonomika permezz ta' diversi strumenti orizzontali<sup>7</sup> biex tiżgura li l-kumpaniji li jirċievu appoġġ mill-Istat barrani, ma jibbenefikawx minn vantaġġi kompetittivi inġusti fis-suq intern tal-UE.

Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà Ekonomika tal-UE<sup>8</sup> tappella għal azzjoni tal-UE aktar assertiva dwar il-limitazzjoni tas-sjieda, il-kontroll u l-operat minn entitajiet ta' riskju għoli ta' infrastruttura kritika. Dan jista' jnaqqas ir-riskji ta' lock-in teknoloġiku jew ta' dipendenza fuq fornituri (ta' riskju għoli). Dan jista' jipprevjeni wkoll l-aċċess minn entitajiet ta' riskju għoli għal inizzjattivi ffinanzjati mill-UE u jappoġġa l-iżvilupp ta' fornituri fdati ta' sottokomponenti kritiċi.

Biex jiġi żgurat li r-regoli jiġu implimentati b'mod konsistenti, il-Kummissjoni **se tiżviluppa gwida għall-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-UE**. Din se tkun ibbażata fuq approċċ sistemiku li jinkludi lill-operaturi rilevanti kollha tal-portijiet skont ir-rwol tagħhom fil-ktajjen kritiċi tal-provvista u b'mod partikolari għall-portijiet li jaqgħu taħt ir-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Mobbiltà Militari. B'mod partikolari, din tkun tistabbilixxi limiti u kriterji għall-influwenza barranija, bħall-influwenza fuq deċiżjonijiet strateġiċi, il-kontroll tal-operazzjonijiet u d-dipendenza fuq fornituri ta' riskju għoli ta' tagħmir. Se jsegwi **qafas għall-immappjar u l-monitoraġġ tal-investimenti barranin fil-portijiet tal-UE**, f'konformità mar-regolament dwar l-iskrinjar tal-investment dirett barrani (IDB) u l-Komunikazzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà Ekonomika.

Minn perspettiva ta' difiża, f'konformità mal-proposta għal Regolament dwar il-Mobbiltà Militari<sup>9</sup>, l-Istati Membri għandhom **jipprevjenu, jimmitigaw u jindirizzaw ir-riskji assoċjati mas-sjieda barranija u l-kontroll ta' infrastrutturi tal-portijiet strateġiċi b'użu doppju u l-operazzjonijiet relatati tagħhom**. Il-portijiet rilevanti għandhom jgħaddu minn valutazzjoni bir-reqqa mill-Istati Membri biex itaffu r-riskji ta' sjieda barranija, kontroll operazzjonali u tagħmir minn fornituri ta' riskju għoli. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu oqfsa għal aċċess f'waqtu għal riżorsi kritiċi tat-trasport, inklużi l-portijiet, meta ma jkunux jistgħu jiġu mmobilizzati miżuri alternattivi, bħall-ikkuntrattar, fil-perjodu ta' żmien meħtieġ. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà li jiksibu kontroll pubbliku temporanju jew id-dritt tal-użu ta' infrastruttura, assi jew tagħmir strateġiku b'użu doppju skont id-dritt nazzjonali**. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-adozzjoni rapida tal-proposta għal Regolament dwar il-Mobbiltà Militari u tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri meħtieġa jiġu implimentati bis-sħiħ u malajr.

### **2.3. Nieħdu l-innovazzjoni fil-portijiet tal-UE**

L-innovazzjoni xprunat titjib fl-effiċjenza u fil-kompetittività fis-settur tal-portijiet. Użu usa' ta' teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, flimkien ma' domanda għal soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-lum (is-sostenibbiltà, l-effiċjenza enerġetika, is-

---

<sup>7</sup> Inkluż ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-Investimenti Diretti Barranin, ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi u d-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni (NIS2, Directive on Security of Network and Information Systems), li tkopri wkoll aspetti taċ-ċibersigurtà.

<sup>8</sup> JOIN (2025) 977.

<sup>9</sup> COM(2025) 847 final.

sikurezza u s-sigurtà), jifthū l-bieb għal soluzzjonijiet Ewropej aktar innovattivi fil-portijiet. Madankollu, minkejja r-riċerka importanti tal-UE u l-finanzjament fit-tul għar-riċerka u l-innovazzjoni, is-soluzzjonijiet innovattivi Ewropej ma jaslux għal varar akbar fis-suq. Biex tiżgura l-varar lil hinn mill-faġi pilota, **il-Kummissjoni se tagħmel enfasi aktar b'saħħha fuq dan il-għan f'inizjattivi futuri ta' Orizzont Ewropa, inkluż is-suġġett ewlieni ta' EUR 21 miljun "Portijiet tal-Futur"**<sup>10</sup> kif ukoll se jhiet futuri ta' Orizzont Ewropa.

Biex tappoġġa dan il-għan, il-Kummissjoni se **ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni fl-użu ta' fjuwils alternattivi, l-elettrifikazzjoni, id-disinn, il-modifika retroattiva ta' tagħmir, l-effiċjenza enerġetika u d-diġitalizzazzjoni, u se tinkludi sistemi ta' konverżjoni tal-enerġija, iċ-ċirkolarità u s-soluzzjonijiet diġitali. Il-Kummissjoni se tfittex it-tisħiħ tal-kooperazzjoni pubblika-privata skont il-Programm Qafas Orizzont Ewropa tal-2028-2034 f'oqsma prijoritarji**, abbażi ta' approċċ tal-portafoll. Fit-trasport fuq l-ilma, dan se jibni fuq il-kisbiet **tas-Sħubija dwar it-Trasport fuq l-Ilma b'Emissjonijiet Żero (ZEWT)** kurrenti koprogrammata, bil-għan li **tissaħħaħ u tiġi estiża l-azzjoni tal-UE** f'dan il-qasam, biex jitrawmu sinerġiji u jissaħħaħ l-effett bejn id-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u ċ-ċirkolarità fl-ekosistema usa' tal-ilma.

B'workshops iddedikati u b'assistenza teknika, BlueInvest<sup>11</sup>, jista' jgħin fl-ittejtjar ta' teknoloġiji ġodda, fil-validazzjoni tas-suq, jipprovdi assistenza teknika u jappoġġa l-ġbir ta' fondi u l-aċċettazzjoni tas-suq, speċjalment għal portijiet żgħar u medji. Barra minn hekk, il-**"Komunità tal-Għarfien u l-Innovazzjoni"** l-ġdida dwar is-Setturi u l-Ekosistemi tal-Ilma, tal-Baħar u dawk Marittimi, taħt l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) se tintegra l-portijiet fit-"triangolu tal-għarfien dwar l-innovazzjoni" bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u n-negozji.

Il-partijiet ikkonċernati tas-settur għandhom **jappoġġaw l-adozzjoni u d-distribuzzjoni tar-riċerka ffinanzjata mill-UE, jikkondividu l-aħjar Prattiki u jiżviluppaw sħubijiet u mudelli ta' negozju ġodda li jmorru lil hinn minn sfidi speċifiċi/lokali**. Dawn għandhom jindirizzaw ir-rekwiżiti tas-suq b'mod ġenerali, inklużi dawk ta' portijiet żgħar u ta' daqs medju. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll **jirrazzjonalizzaw il-proċeduri ta' ppjanar u għall-ħruġ tal-permessi biex jippermettu adoxxjoni rapida tal-innovazzjoni fil-portijiet**.

#### **2.4. Operazzjonijiet tal-port u ktajjen loġistiċi effiċjenti u diġitali**

Iż-żieda fil-ħinijiet medji ta' stennija f'portijiet ewlenin tal-UE fl-2024<sup>12</sup> uriet kif il-konnettività marittima qiegħda tiġi dejjem aktar ristretta mill-produttività tat-terminal u mir-rabtiet maż-żoni interni, u mhux mill-aċċess għall-baħar biss<sup>13</sup>. Konnessjonijiet ineffiċjenti tal-ferrovija u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, flimkien ma' bastimenti akbar u spazju limitat, ifixklu l-operazzjonijiet. It-tisħiħ ta' dawn ir-rabtiet jista' jnaqqas il-ħinijiet u l-kostijiet tat-tranżitu, itejjeb il-ktajjen tal-provvista u jappoġġa l-kummerċ fl-UE u mas-sħab, inklużi l-portijiet Mediterranji.

---

<sup>10</sup> "Portijiet tal-Futur", fil-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa tal-2026/27, jippromwovi r-replikazzjoni fil-portijiet żgħar u ta' daqs medju. Il-"Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija" Ewlieni jnaqqas ir-riskji tat-teknoloġiji tal-fjuwil rinnovabbli. Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa b'mod ġenerali pprovdew EUR 218-il miljun biex jappoġġaw l-innovazzjoni fil-portijiet.

<sup>11</sup> [https://maritime-forum.ec.europa.eu/theme/investments/blueinvest\\_en](https://maritime-forum.ec.europa.eu/theme/investments/blueinvest_en)

<sup>12</sup> <https://www.beacon.com/resources/global-port-congestion-2024-year-in-review>

<sup>13</sup> Drewry, Ports & Terminals Insight, Q1 2025, 28/02/2025

L-Ispazju Marittimu Ewropew (EMS, European Maritime Space) huwa komponent ewlieni tan-network trans-Ewropew tat-trasport. **Fil-pjan ta' ħidma tal-EMS li jmiss, il-koordinatur tal-EMS se jagħti prijorità lill-iżvilupp ta' ċentri u konnessjonijiet tat-tbajhir marittimu fuq distanzi qosra sostenibbli u ekoloġiċi, se jipromwovi l-kollaborazzjoni bejn il-portijiet, b'enfasi fuq portijiet iżgħar, l-aġġornament tal-infrastruttura marittima u l-integrazzjoni mat-trasport bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.** Biex tappoġġa ulterjorment il-bidla modali, il-Kummissjoni se **ssaħħaħ ir-regoli dwar l-aċċess għall-faċilitajiet tas-servizzi ferrovjarji**<sup>14</sup> u se tipproponi **Pjan ta' Azzjoni dwar it-Trasport bil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni (IWT) għall-perjodu 2028-2034**, li se jiffoka wkoll fuq il-portijiet interni.

Dan jeħtieġ li jiġi s-supplimentat mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati tal-industrija, li għandhom jagħtu prijorità ogħla lill-konnessjonijiet maż-żoni interni bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni<sup>15</sup>. Il-kapaċità li wieħed jadatta u jirreaġixxi malajr għall-isfidi tal-lum hija komponent kritiku għall-kompetittività u għalhekk, **il-konnessjonijiet fil-portijiet u l-kuntratti ta' lokazzjoni tal-art għandhom jippermettu flessibilità suffiċjenti.** L-Istati Membri huma mħeġġa **jirrazzjonalizzaw l-ippjanar tal-użu tal-art u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi biex jippermettu żvilupp rapidu ta' żoni addizzjonali għall-użu tal-port**, filwaqt li jipproteġu l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem f'konformità mar-Regolament propost biex jiġihaffu l-valutazzjonijiet ambjentali<sup>16</sup>.

L-applikazzjonijiet diġitali jistgħu jottimizzaw il-waqqfiet f'port, itejbu l-ħinijiet tat-turnaround, inaqqsu l-ħinijiet ta' stennija u jottimizzaw l-użu tar-riżorsi, filwaqt li jnaqqsu l-emissjonijiet u jtejbju s-sikurezza u s-sigurtà. L-inizjattivi diġitali tal-UE<sup>17</sup>, se jiffaċilitaw ir-rapportar min-negozji għall-gvern (B2G) u l-proċessi doganali. Barra minn hekk, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Diġitali (FNE Diġitali) tappoġġa l-varar ta' teknoloġiji 5G fil-portijiet.

L-iskambju tad-data B2B huwa frammentat u spiss marbut ma' software proprjetarju. Integrazzjoni aħjar tas-sistemi tista' ttejjeb il-viżibbiltà tal-katina tal-provvista mingħajr ma timponi pjattaformi ċentralizzati, u tissalvagwardja l-investimenti tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT, information technology) eżistenti. Il-Kummissjoni **se tistabbilixxi linji gwida tal-UE għall-kondiviżjoni effiċjenti tad-data fil-katina tat-trasport**, flimkien ma' azzjonijiet tal-Istati Membri<sup>18</sup>.

## 2.5. *Suq intern li jiffunzjona u kompetizzjoni ġusta*

Suq intern li jiffunzjona huwa vantaġġ kompetittiv għall-portijiet tal-UE. Dan jappoġġa wkoll l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, u jissalvagwardja l-impjiegi fis-settur tal-portijiet. Il-Politika tal-UE dwar il-Portijiet tal-2013<sup>19</sup> kellha l-kummerċ u s-suq intern fil-qalba tagħha. Filwaqt li l-progress huwa viżibbli, l-implimentazzjoni inkonsistenti tar-regoli tas-suq uniku

<sup>14</sup> [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2017/2177/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2177/oj)

<sup>15</sup> F'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1679, l-Artikolu 29, tar-Regolament dwar il-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, u bl-użu tad-dispożizzjonijiet ta' konsultazzjoni skont ir-Regolament dwar is-Servizzi tal-Port.

<sup>16</sup> COM(2025) 0391 final.

<sup>17</sup> Bħas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe), l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI) u r-reviżjoni li jmiss tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

<sup>18</sup> Skont il-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura tad-Data, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/edic>.

<sup>19</sup> COM(2013) 295 final.

madwar l-Istati Membri, l-istrutturi tas-suq tal-portijiet li qegħdin jevolvu u l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi bil-mod ipogoġu l-vantaġġi kompetittivi tal-UE f'riskju.

Ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat jinkwadraw il-finanzjament tal-Istati Membri għall-portijiet u jipprovdu ċarezza, trasparenza u prevedibbiltà legali. Ir-regoli riveduti dwar il-portijiet u l-konnessjonijiet marittimi fid-Deċiżjoni dwar is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI) jippermettu lill-Istati Membri jappoġġaw b'mod aktar effiċjenti portijiet iżgħar, fi gżejjer, f'reġjuni kostali u ultraperiferiċi<sup>20</sup>. Il-portijiet iridu jindirizzaw ukoll l-isfidi emerġenti (is-sigurtà, iċ-ċibersigurtà, id-diġitalizzazzjoni, il-mobbiltà militari u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema tal-portijiet għal teknoloġiji ġodda), u l-finanzjament tal-investimenti għal dak il-għan ma għandux ifixkel il-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda **tirrieżamina r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 (“Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija” - GBER)**. F'dan il-kuntest, fejn xieraq, anke fid-dawl tal-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni se tivvaluta **jekk huwiegħ meħtieġ li jinbidlu l-limiti** u se **tipprovdi aktar gwida**, billi tagħti eżempji u kjarifiki interpretattivi tar-regoli tal-GBER, inkluż għall-investimenti fl-infrastruttura tal-port. Flimkien mal-Linji Gwida dwar it-Trasport Multimodali u fuq l-Art li ġejjin, ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tat-Trasport il-ġdid se jiffaċilita l-appoġġ pubbliku għall-faċilitajiet tat-trasport multimodali li jinsabu fil-portijiet marittimi u li għandhom konnessjonijiet ferrovjarji jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u b'hekk se jittejjbu l-konnessjonijiet maż-żoni interni.

**Il-ftehimiet ta' konċessjoni u ta' lokazzjoni tal-art** mal-operaturi tat-terminals tal-port għandhom rwol kritiku fl-attrazzjoni tal-kapital u fit-tiħiħ tal-kompetittività tal-portijiet Ewropej. Dawk il-ftehimiet jipprovdu l-qafas għal investimenti fit-tul, li jippermettu lill-portijiet jiffjorixxu u jindirizzaw ħtiġijiet urġenti tas-soċjetà. L-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-port għandhom jimmiraw għal **bilanċ bejn ir-redditu fuq l-investimenti għall-operaturi privati u obbligi kuntrattwali xierqa** (durata, kundizzjonijiet trasparenti u ġusti għat-tiġdid, klawżoli ta' flessibbiltà) biex jiżguraw ir-reżiljenza, is-sigurtà, is-sikurezza u t-tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni se tiżgura l-konformità mar-regoli tas-suq intern fil-portijiet tal-UE.

L-integrazzjoni vertikali dejjem akbar ta' operaturi kbar tal-loġistika u tat-tbaħħir qiegħda tibdel ix-xenarju tradizzjonali tal-port. L-integrazzjoni vertikali tista' ttejjeb il-prevedibbiltà tal-iżvilupp tat-traffiku u b'hekk tappoġġa pjanijiet ta' investiment fit-tul, twassal għal effiċjenzi u innovazzjoni fil-ktajjen loġistiċi, tnaqqas il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u ttejjeb il-kwalità tas-servizz għall-utenti. Fl-istess ħin, il-kompetizzjoni effettiva fost l-operaturi għandha tiġi ppreżervata f'konformità mar-regoli applikabbli tal-antitrust u tal-fużjonijiet tal-UE. Il-Kummissjoni se **tirrieżamina l-linji gwida tal-UE dwar l-fużjonijiet** bil-għan li tipprovdi gwida ċara u aġġornata dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-fużjonijiet kemm għall-effetti orizzontali kif ukoll għal dawk mhux orizzontali tal-fużjonijiet.

#### ***Azzjonijiet ewlenin***

- *L-użu ta' prinċipji gwida għall-finanzjament u għall-investimenti tal-UE f'portijiet ta' pajjiżi terzi (l-Anness I).*

<sup>20</sup> <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2630/oj>

- *L-iżvilupp ta' gwida għall-Istati Membri bi kriterji għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin fil-portijiet f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-UE.*
- *L-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika tal-portijiet Ewropej permezz tal-innovazzjoni, il-promozzjoni tat-ikabbir, tar-replikazzjoni u tal-adozzjoni ta' tagħmir u teknoloġiji innovattivi tal-portijiet.*

### 3. AVVANZA T-TRANŻIZZJONI ENERĠETIKA, IS-SOSTENIBBILTÀ U L-INDUSTRIJI NODFA

#### 3.1. *Portijiet bħala faċilitaturi tat-tranżizzjoni enerġetika*

B'madwar 40 % tal-komoditajiet ġestiti relatati mal-enerġija, il-portijiet qegħdin isiru ċentri strateġiċi industrijali u tal-enerġija.

#### *Elettrifikazzjoni tal-portijiet: il-pedament tad-dekarbonizzazzjoni*

62 % tal-portijiet Ewropej mistħarrġa joffru l-enerġija fuq l-art f'irmiġġ wieħed jew aktar<sup>21</sup>, iżda l-progress ma huwiex uniformi<sup>22</sup> u għad hemm restrizzjonijiet fuq il-kapaċità filwaqt li d-domanda hija mistennija li tiżdied<sup>23</sup>. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-varar tal-Provvista tal-Enerġija fuq l-Art (OPS, Onshore Power Supply) permezz tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi. **Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Elettrifikazzjoni** li jmiss, il-Kummissjoni se **tintroduċi miżuri ġodda biex tappoġġa l-elettrifikazzjoni tal-portijiet**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se **tippromwovi trasparenza akbar għall-ipprezzar tal-OPS**, u tbassir aħjar tad-domanda.

Hekk kif id-domanda għall-elettriku fil-portijiet qiegħda tikber, kapaċità suffiċjenti tal-grilja se tkun kruċjali. **L-Istati Membri għandhom jappoġġaw teknoloġiji mhux bil-fili u soluzzjonijiet ta' grilji intelliġenti, proċeduri diġitalizzati u użu aħjar tal-assi tal-grilja eżistenti**. Barra minn hekk, speċjalment għall-portijiet żgħar u medji, għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet ta' ġestjoni tad-domanda. Il-proposta riveduta tat-TEN-E<sup>24</sup>, flimkien mar-Regolament tat-TEN-T jappoġġaw l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-portijiet, u l-integrazzjoni tal-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta. **L-Istati Membri għandhom isaħħu s-sinerġiji bejn it-TEN-T u t-TEN-E u ppjanar ieħor tan-network tal-elettriku**, speċjalment għal kurituri tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. F'dan il-kuntest, il-Pjanijiet għall-iżvilupp tan-network lil hinn mill-kosta (ONDPs) li ġejjin għandhom jinkludu l-ħtiġijiet fuq l-art, li għandhom jiġu riflessi wkoll fil-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp tan-network fuq il-livelli ta' trażmissjoni u distribuzzjoni.

#### *Ħruġ tal-permessi u konnessjonijiet aċċellerati tal-grilja*

L-installazzjonijiet eoliċi u galleġġanti lil hinn mill-kosta jirrikjedu faċilitajiet tal-port akbar u msaħħa għall-assemblaġġ, għall-ħżin u għall-varar, aktar spazju fiżiku u konnessjoni aħjar mal-grilja. **Il-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej<sup>25</sup> u l-Gwida dwar konnessjonijiet tal-grilja effiċjenti u f'waqthom<sup>26</sup> se jħaffu l-konnessjonijiet mal-grilja għal proġetti vijabbli**, inkluż

<sup>21</sup> L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Portijiet tal-Baħar (ESPO, European Sea Ports Organisation) [Environmental Report 2025 - EcoPorts inSights 2025](#).

<sup>22</sup> l-aktar OPS b'vultaġġ baxx, filwaqt li l-OPS b'vultaġġ għoli għal bastimenti akbar għadha skarsa.

<sup>23</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2833/7036399>.

<sup>24</sup> COM(2025) 1006 final.

<sup>25</sup> "Il-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej", COM(2025) 1005 final.

<sup>26</sup> L-Avviż tal-Kummissjoni "Gwida dwar konnessjonijiet effiċjenti u f'waqthom mal-grilja" (C/2025/6703).

f'portijiet ta' kull daqs. Il-Kooperazzjoni Trans-Mediterranja dwar l-Enerġija Rinnovabbli u t-Teknoloġija Nadifa T-MED se tappoġġa l-konnettività tal-enerġija sostenibbli fost il-portijiet Mediterranji. Pjattaforma ġdida għall-ippjanar tan-network tad-distribuzzjoni tal-UE u djalogu mal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs), l-Operaturi tas-Sistema tad-Distribuzzjoni (DSOs), u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, se jindirizzaw l-aħjar prattiki għas-sekwenzjar tal-bini tal-grilja, inklużi gruppi ta' ħidma speċifiċi mal-utenti tan-network, li jinkludu l-portijiet fl-ippjanar tal-grilji. Fil-valutazzjonijiet każ b'każ tagħhom, **l-Istati Membri għandhom jassumu wkoll<sup>27</sup>, li l-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, inkluża l-OPS fil-portijiet hija ta' interess pubbliku prevalenti, u b'hekk tissimplifika l-varar tal-grilji fiż-żoni tal-portijiet.**

### ***Portijiet bħala ċentri ta' produzzjoni u ta' provvista ta' bosta fjuwils***

Il-qafas regolatorju tal-UE<sup>28</sup> u l-Pjan ta' Investiment għat-Trasport Sostenibbli jenfasizzaw ir-rwol tal-portijiet għall-introduzzjoni ta' fjuwils nodfa. Filwaqt li approċċ b'bosta fjuwils jiżgura l-flessibilità u r-reżiljenza, domanda inċerta għall-fjuwils iddewwem l-investment u għalhekk huwa importanti li jkun hemm konkordanza ma' dawn iż-żewġ forzi tas-suq. Filwaqt li l-Fuel EU Maritime u l-miżuri promossi fl-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE jħarsu lejn l-aspett tad-domanda, għan-naħa tal-provvista, **il-Kummissjoni se tikkunsidra, fil-kuntest tal-Pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija li jmiss, kif tippromwovi d-disponibilità ta' fjuwils sostenibbli fil-portijiet.** Ir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi<sup>29</sup> **se tikkunsidra miżuri biex jitħaffef il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għat-tbaħħir.** B'mod parallel, ir-regoli dwar il-bunkering rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandhom jiġu armonizzati madwar l-UE kollha, allinjati mad-Direttiva tal-UE dwar l-Enerġija Rinnovabbli biex jiġu evitati d-diskrepanzi u biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern tal-UE. Flimkien ma' Bażi tad-Data tal-Unjoni effettiva, il-kumpaniji internazzjonali tat-tbaħħir se jkunu jistgħu jittraċċaw il-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u b'hekk jippermettu sistema robusta ta' ċertifikazzjoni u traċċabilità madwar l-UE li ttaffi b'mod effettiv ir-riskji ta' irregolaritajiet u frodi.

Il-Patt għall-Mediterran se jikkontribwixxi għall-adozzjoni ta' fjuwil rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għat-trasport marittimu, filwaqt li jissalvagwardja l-kompetittività tal-portijiet tal-UE. Riżorsi sinifikanti u ddedikati għall-finanzjament tad-dekarbonizzazzjoni jistgħu jiġu mmobilizzati permezz tad-dħul tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) irkantati mill-Istati Membri tal-UE wara l-estensjoni tas-sistema għal dik marittima. Peress li l-Istati Membri huma legalment meħtieġa jużaw id-dħul mill-EU ETS għall-investment f'miżuri klimatiċi, il-Kummissjoni **tħeġġeġ bis-saħħa lill-Istati Membri biex jallokaw parti mid-dħul tal-ETS** għall-investimenti ta' dekarbonizzazzjoni marittima fost il-cluster marittimu fl-Ewropa<sup>30</sup>. Biex timmassimizza l-impatt u tikseb effetti ta' sinerġija fil-livell tal-UE, inkluż bejn is-sidien tal-bastimenti, it-tarzni, il-fornituri tat-teknoloġija u tal-fjuwil u l-partijiet ikkonċernati tal-portijiet, il-Kummissjoni se **tikkoordina**

<sup>27</sup> COM(2025) 1007 final.

<sup>28</sup> Inkluż ir-Regolament dwar l-Infrastruttura ta' Fjuwils Alternattivi, ir-Regolament FuelEU Maritime, l-inklużjoni tat-trasport marittimu fl-EU ETS, kif ukoll ir-Regolament TEN-T u TEN-E.

<sup>29</sup> <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1804/oj>

<sup>30</sup> Bħall-produzzjoni u l-adozzjoni ta' fjuwils sostenibbli, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti, it-tiġdid tal-flotta, l-investimenti f'teknoloġiji tal-baħar nodfa innovattivi u l-infrastruttura sostenibbli u l-OPS fil-portijiet.

**I-isforzi tal-Istati Membri u se tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki**, inkluż possibbilment permezz ta' linji gwida.

Biex tiggwida l-ippjanar tal-investment, **I-Alleanza tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju (RLCF)**, sa tmiem l-2026, se tivvaluta l-kapaċità tal-**infrastruttura u l-ħtiġijiet futuri għall-provvista ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-portijiet u lejhom**. Barra minn hekk, l-RLCF se tħeġġeġ diskussjonijiet bejn is-sidien tal-bastimenti, l-industrija tal-fjuwils sostenibbli u l-istituzzjonijiet finanzjarji bil-għan li tavvanza l-produzzjoni u l-provvista ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur tal-ilma. Il-portijiet jistgħu jkunu vitali għall-widien tal-idroġenu<sup>31</sup> b'terminals tal-importazzjoni transfruntiera tal-idroġenu inklużi taħt it-TEN-E. Il-Kummissjoni, taħt l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, se **tikkummissjona studju fil-bidu tal-2026 biex tirfed l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-Koalizzjoni tal-Portijiet tal-Idroġenu Globali** taħt il-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa.

### ***Clusters industrijali u kondiviżjoni tal-enerġija fiż-żoni tal-port***

Il-portijiet huma faċilitaturi ewlenin tal-industrija tal-Ewropa bbażata fuq l-enerġija nadifa. Madankollu, l-ippjanar frammentat, il-koordinazzjoni limitata bejn il-portijiet u mal-clusters industrijali, flimkien mal-inċertezza dwar id-domanda futura għall-infrastruttura tal-enerġija jistgħu jnaqqsu l-investment u jnaqqsu l-effiċjenza tas-sistema. **Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-kooperazzjoni strutturata bejn il-portijiet u l-clusters industrijali lokali**, jippromwovu l-varar ta' sorsi rinnovabbli, il-kondiviżjoni tal-enerġija, l-użu mill-ġdid tas-sħana mormija, is-soluzzjonijiet tal-ħżin u l-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija ċċentrati fil-portijiet u l-integrazzjoni ma' networks lokali tat-tisħin u tat-tkessiħ. Il-Kummissjoni se **tappoġġa sħubijiet mal-portijiet, mal-awtoritajiet lokali u mal-clusters industrijali. Is-subprogramm LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa** se jiffinanzja proġetti li jippromwovu l-kooperazzjoni lokali fl-enerġija, u l-portijiet jistgħu japplikaw għal sejħiet għal proposti pplanati għar-rebbiegħa tal-2026 u l-2027.

Il-Kummissjoni **tħeġġeġ kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-portijiet, il-kumpaniji tal-enerġija, l-operaturi tal-grilja u l-awtoritajiet lokali** u hija lesta li tipprovdi gwida informali dwar kwistjonijiet tal-antitrust<sup>32</sup>, filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali<sup>33</sup>. Il-Kummissjoni **se torganizza serje ta' workshops immirati għall-portijiet**, dwar l-applikazzjoni Prattika tal-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE dwar l-enerġija, l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, l-idroġenu ekoloġiku u l-fjuwils alternattivi<sup>34</sup> u dwar il-varar ta' teknoloġiji lil hinn mill-kosta u b'emissjonijiet zero netti, inklużi l-ġestjoni u l-ħżin tas-CO<sub>2</sub>.

---

<sup>31</sup> 21 proġett appoġġati mill-2019 b'EUR 253 miljun. [Clean Hydrogen Partnership, Study on Hydrogen, Ports and Industrial Coastal Areas](#).

<sup>32</sup> Dan sar fil-Kawża AT.40976 – Terminals tal-APM, ittra ta' gwida datata 9.7.2025 (COM/2025/4523 final).

<sup>33</sup> (2023/C 259/01).

<sup>34</sup> Inklużi l-bijofjuwils u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs, Renewable Fuels from Non-Biological Origin).

### 3.2. *Tisħiħ tas-sostenibbiltà ambjentali u simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi*

Il-portijiet huma kemm assi ekonomiċi vitali kif ukoll żoni ambjentalment sensitivi<sup>35</sup>, li jirrikjedu allinjament tal-kompetittività mal-protezzjoni ambjentali u d-dekarbonizzazzjoni. Il-qafas legali tal-UE<sup>36</sup> jsegwi dan il-bilanċ, inkluż billi jipprevedi flessibbiltajiet speċifiċi f'każijiet ta' interess pubbliku prevalenti. Politiki ulterjuri tal-UE jappoġġaw it-tnaqqis tat-tniġġis, ir-restawr tal-ekosistema, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-ekonomija blu sostenibbli. Il-Patt Ewropew għall-Oċeani<sup>37</sup> u l-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma jirrikonoxxu r-rwoli tal-portijiet fil-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar flimkien mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u l-qafas tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE<sup>38</sup>. Bħala parti minn sforz usa' biex tingħata spinta lill-kompetittività fl-UE, il-Kummissjoni se tieħu diversi azzjonijiet biex tissimplifika l-piż regulatorju filwaqt li tissalvagwardja l-protezzjoni ambjentali. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-Att Delegat dwar il-Klima tat-Tassonomija biex ittejjeb l-użu tal-Kriterji Tekniċi ta' Skrinjar u biex tissimplifikahom u taġġornahom biex jirriflettu l-iżviluppi tal-politika, leġiżlattivi u teknoloġiċi.

**Ir-Regolament propost dwar it-tħaffif tal-valutazzjonijiet ambjentali<sup>39</sup>** se jaċċellera l-valutazzjonijiet bid-diġitalizzazzjoni, bi skedi ta' żmien imqassra, b'valutazzjonijiet ikkombinati u b'punti uniċi ta' kuntatt. **Il-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-portijiet ta' rilevanza strateġika tal-UE jistgħu jibbenefikaw minn approvazzjoni taċita, u minn prijoritizzazzjoni proċedurali u ġudizzjarja.**

**Il-Pjan ta' Azzjoni RESourceEU** jappoġġa lill-portijiet biex isiru ċentri strateġiċi għal attivitajiet ċirkolari bħar-riċiklaġġ fuq skala kbira ta' ruttam tal-metall jew ta' materjali komposti, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ avvanzati tal-materjali, li jaħdmu b'enerġija nadifa<sup>40</sup>. Bit-tranżizzjoni lejn fjuwils nodfa, il-flussi ta' skart perikoluż jinbidlu u jirrikjedu faċilitajiet ta' lqugħ xierqa. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD, Water Framework Directive)<sup>41</sup> riveduta toffri flessibbiltajiet għall-Istati Membri għall-awtorizzazzjoni għal proġetti b'impatti għal perjodu ta' żmien qasir jew attivitajiet li jiddeterjoraw l-istatus kimiku tal-korpi tal-ilma mingħajr ma jżidu t-tniġġis ġenerali<sup>42</sup>. Il-Kummissjoni se toħroġ gwida ulterjuri dwar il-permessi tad-WFD fl-2026. **L-Istati Membri għandhom jużaw, meta rilevanti, id-dispożizzjonijiet relatati mal-iżvilupp tal-portijiet skont id-WFD u għandhom jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha ta' regoli ambjentali ġodda dwar it-tniġġis tal-baħar mit-tbahir fil-portijiet.**

**L-Istati Membri huma mħeġġa jindirizzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sustanzi li jniġġsu l-arja fil-portijiet fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima u l-Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja tagħhom. L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tas-sorsi tal-emissjonijiet u ta' sustanzi niġġiesa oħra huma ta'**

<sup>35</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2832/3479075>.

<sup>36</sup> Mibni fuq id-Direttivi dwar il-Habitats u l-Għasafar, id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura u kkomplementat mid-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

<sup>37</sup> "Il-Patt Ewropew għall-Oċeani", COM/2025/281 final.

<sup>38</sup> [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2021/2139/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2139/oj) (b' mod partikolari l-attività 6.16.).

<sup>39</sup> COM(2025) 0391 final.

<sup>40</sup> Il-Pjan ta' Azzjoni RESourceEU, COM(2025) 945 final.

<sup>41</sup> <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>

<sup>42</sup> Pereżempju, ir-rilokazzjoni ta' ilma jew ta' sedimenti diġà mniġġsa.

sfida minħabba l-kumplessità tal-attivitajiet tal-port<sup>43</sup>. Il-proġetti ffinanzjati mill-UE enfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ miftiehem, ta' metodoloġija u ta' applikazzjoni komuni. Il-Kummissjoni se **timmira għal kejl u rapportar tal-emissjonijiet aktar konsistenti fil-portijiet**, appoġġati minn aktar riċerka u innovazzjoni.

#### **Azzjoni Ewlenija**

- *Jitħaffu l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u jiġu pprovduti proċeduri ta' valutazzjoni aktar rapidi għall-proġetti strateġiċi tal-enerġija, ir-riċiklaġġ u d-dekarbonizzazzjoni relatati mal-portijiet permezz tal-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej u l-Omnibus Ambjentali.*
- *Titħaffef l-elettrifikazzjoni tal-portijiet, jiġi pprovdut aċċess f'waqtu u mhux diskriminatorju għall-grilji.*
- *Il-promozzjoni ta' sħubijiet għall-kooperazzjoni fl-enerġija fiż-żoni tal-port u madwarhom għall-użu sostenibbli tal-enerġija, inkluż l-idroġenu.*

## **4. PROTEZZJONI U SIGURTÀ TAL-PORTIJET**

### **4.1. Sigurtà interna**

Il-pajsaġġ ġeopolitiku li qiegħed jinbidel amplifika t-terroriżmu, is-sabotaġġ, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, u wassal għal theddid ċibernetiku/ibridu kif ukoll għal droni tal-ajru u tal-ilma madwar l-Ewropa. Firxa dejjem tikber ta' azzjonijiet ta' sabotaġġ u ta' azzjonijiet ibridi taħt il-livell ta' attakk armat mir-Russja qiegħda turi dejjem aktar karatteristiċi komparabbli ma' terroriżmu sponsorjat mill-Istat. Ir-reġjun tal-Baħar Baltiku u l-portijiet tiegħu għadhom partikolarment esposti għall-attivitajiet tal-gwerra ibridi Russi. L-oqfsa legali tal-UE u nazzjonali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-gwerra ibrida għandhom jintużaw sistematikament, u fejn xieraq għandhom jiġu rieżaminati<sup>44</sup>. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti hija meħtieġa biex tissaħħaħ ulterjorment il-ġlieda kontra ċ-ċirkonvenzjoni ta' miżuri restrittivi u biex jiġu appoġġati reazzjonijiet effettivi tal-UE.

Il-Kummissjoni se **taġġorna l-gwida eżistenti** dwar il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà marittima **biex tkopri b'mod adegwat it-theddid rilevanti kollu**, inkluż it-theddid ċibernetiku u ibridu, it-traffikar illeċitu u l-użu malizzjuż ta' droni mhux militari, megħjuna minn aġenziji bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA). **Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-portijiet fil-livell globali kontra tali theddid, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri tal-UE lejn gwida internazzjonali aġġornata fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI)**. Hemm bżonn ta' ġbir u analiżi aħjar tad-data biex jiġu indirizzati r-riskji tat-terroristi u tal-kriminalità organizzata fuq it-traffikar permezz tat-terminals tal-passiġġieri u t-trasport marittimu kummerċjali. Il-ħaddiema tal-port iridu jkunu mħarrġa u protetti aħjar bħala sħab fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-miżuri, it-theddid ċibernetiku u ibridu.

**Il-ProtectEU: l-istrateġija Ewropea għas-sigurtà interna**<sup>45</sup> tissottolinja kif il-portijiet saru l-miri ewlenin għat-theddid estern u tipprevedi s-sigurtà marittima biex jiġu indirizzati d-droni

<sup>43</sup> Nuqqas ta' data dwar il-kwalità tal-arja: <https://www.eea.europa.eu/mt/analysis/publications/maritime-transport-2025>.

<sup>44</sup> Komunikazzjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant li jmissu mar-Russja, il-Belarużja u l-Ukrajna COM(2026) 82 final

<sup>45</sup> COM/2025/148 final.

u s-sabotaġġi fuq kejbils taħt il-baħar u biex tittejjeb is-sigurtà tal-port u tal-katina tal-provvista, inklużi l-pajjiżi ġirien. **L-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE** tindirizza r-reżiljenza u l-protezzjoni tal-portijiet bħala infrastruttura marittima kritika. Biex tindirizza l-infiltrazzjoni kriminali, fl-2026 il-Kummissjoni se **tippreżenta strateġija tal-UE kontra l-korruzzjoni**, li tibni fuq id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

L-Alleanza tal-Portijiet Ewropej tiġġieled it-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata billi tlaqqa' flimkien l-infurzar tal-liġi, id-dwana, l-awtoritajiet tal-port u l-industrija. Din issaħħaħ ir-reżiljenza tal-portijiet permezz tal-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki u l-identifikazzjoni ta' lakuni operazzjonali. Filwaqt li tibni fuq din il-ħidma, **il-Kummissjoni se tipproponi qafas tal-UE għall-kontrolli tal-isfond għall-ħaddiema tal-port. L-isforzi tas-sigurtà se jiġu estiżi wkoll għall-portijiet interni, inklużi dawk mhux koperti mill-Kodiċi Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Bastimenti u tal-Faċilitajiet tal-Port (ISPS, International Ship and Port Facility Security), f'kooperazzjoni mal-kummissjonijiet tax-xmajjar. Il-Kummissjoni se tippubblika l-aħjar Prattiki biex tipprevjeni t-traffikar tad-droga u biex tesplora kooperazzjoni ulterjuri mal-pajjiżi kandidati.**

Il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-kontaminazzjoni tal-merkanzija u tal-infiltrazzjoni kriminali jeħtieġ li jiġu indirizzati diġà f'portijiet ta' tluq mhux tal-UE. Dan jirrikjedi **li l-oqfsa reġjonali jiġu żviluppati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex jikkooperaw ma' pajjiżi terzi fit-titjib tas-sigurtà tal-portijiet, abbażi tar-responsabbiltà kondiviża, u meta possibbli bl-appoġġ tal-Global Gateway jew strumenti oħra ta' kooperazzjoni. F'dan il-kuntest, se jitwettqu valutazzjonijiet immirati ta' portijiet ta' pajjiżi terzi ta' riskju għoli biex jiġu identifikati u rimedjati l-lakuni fis-sigurtà, biex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u, fejn għad hemm nuqqasijiet serji mhux indirizzati, jiġu previsti reazzjonijiet possibbli.** Din is-sistema tista' tikkontribwixxi għall-bini ta' sħubija ta' fiduċja ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-theddid għas-sigurtà fil-portijiet.

**Allinjament akbar tal-kontrolli doganali fil-portijiet tal-UE flimkien ma' protokoll ta' sigurtà aħjar madwar id-dinja**, jista' jipproteġi lill-partijiet tal-UE u lill-infrastruttura kritika, permezz ta' strumenti bħal **"Tgħabbix"**. Il-Kummissjoni se **taħdem fuq l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat bejn il-kumpaniji doganali u dawk tal-loġistika marittima dwar it-traffikar tad-droga u l-kummerċ illeċitu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinsab lesta li tivvaluta sa liema punt l-istrumenti tal-antitrust jistgħu jappoġġaw l-applikazzjoni tal-gwida jew tal-aħjar Prattiki żviluppati mill-Alleanza tal-Portijiet Ewropej. Skont il-Proposta ta' Riforma Doganali tal-UE, l-Awtorità Doganali l-ġdida tal-UE u l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE se jippermettu lid-dwana twettaq analiżi tar-riskju fil-livell tal-UE u tindirizza l-ktajjen tal-provvista internazzjonali, inkluż il-kummerċ elettroniku, mid-dwana u minn korpi oħra tal-infurzar tal-liġi, permezz ta' kontrolli effettivi u verifiki tal-konformità.**

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS, Sanitary and Phytosanitary) robusti fil-portijiet. Il-Kummissjoni hija impenjata li ssaħħaħ dawn il-mekkaniżmi u tistieden lill-Istati Membri jsaħħu u jtejbu l-miżuri ta' kontroll fuq il-merkanzija importata. L-Istati Membri **għandhom jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà marittima, għandhom jadottaw l-**

**aħjar Prattiki Kondiviżi fis-Sħubija Pubblika Privata tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (inkluż it-traffikar tad-droga) u l-korruzzjoni, u għandhom jindirizzaw is-sigurtà tal-portijiet fl-intier tagħha, filwaqt li jiżguraw biżżejjed persunal tas-sigurtà u investimenti essenzjali.**

#### **4.2. *Bini tar-reżiljenza u l-preparatezza tal-portijiet u tan-networks tal-loġistika***

Il-perikli tat-tibdil fil-klima, bħaż-żieda fil-livell tal-baħar, il-maltempati kostali u n-nixfiet kif ukoll id-degradazzjoni ambjentali jwasslu għal riskji akbar ta' għargħar u ta' intrużjoni salina, li jħallu impatt fuq in-navigabbiltà, l-istat tal-infrastruttura portwarja u l-affidabbiltà, l-effiċjenza u s-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-portijiet u tal-baċiri. Biex tappoġġa lill-Istati Membri dwar l-ippjanar tal-preparatezza u r-reżiljenza, **il-Kummissjoni se tippreżenta Qafas Integrat Ewropew għar-Reżiljenza Klimatika fl-2026.**

L-Istati Membri huma obbligati jadottaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet nazzjonali ta' adattament<sup>46</sup>. Minħabba l-vulnerabbiltà u l-importanza strateġika tagħhom, **il-portijiet għandhom jiżviluppaw il-pjanijiet** proprji tagħhom **għar-reżiljenza għall-klima**. Dawn il-pjanijiet għandhom jgħinu wkoll fil-ġlieda kontra d-degradazzjoni ambjentali. Għandhom jiġu applikati linji gwida dwar ir-reżistenza klimatika għall-infrastruttura u prinċipji dwar ir-“reżiljenza għall-klima mid-disinn”, meta jinbnew portijiet ġodda jew jiġu restawrati dawk eżistenti, u għall-iżvilupp infrastrutturali u operazzjonali tal-interfaċċi għan-networks tal-loġistika. **L-iskambju tal-aħjar Prattiki dwar l-azzjoni ta' reżiljenza għall-klima fil-portijiet** se jiġi ffaċilitat fl-Ispazju Marittimu Ewropew.

L-aċċidenti u l-avvenimenti malizzjużi huma theddida sinifikanti għall-infrastruttura tal-UE. Network tat-trasport huwa b'saħħtu biss daqs l-aktar konnessjoni dgħajfa tiegħu, u għalhekk huwa kruċjali li jkun hemm biżżejjed ridondanza u konnessjonijiet alternattivi fin-network tat-TEN-T biex jiġu protetti l-ktajjen tal-provvista, jiġu pprevenuti xokkijiet ekonomiċi sistemiċi u jiġu żgurati l-mobbiltà militari u l-prontezza għad-difiża. Sabiex jiġu protetti l-portijiet kontra perikli naturali u kkawżati mill-bniedem, l-Istati Membri **għandhom jinkludu l-portijiet meta jimplimentaw id-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (id-Direttiva CER)**<sup>47</sup>. Il-linji gwida li ġejjin għall-entitajiet kritiċi se jiffaċilitaw il-protezzjoni tagħhom u s-sikurezza tal-persunal. F'konformità mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, l-awtoritajiet għandhom jippromwovu livell għoli ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju fost il-komunitajiet li jinsabu qrib iż-żoni tal-port biex ir-residenti jingħataw is-setgħa li jirreaġixxu u jirrispondu b'mod effettiv f'każ ta' inċident.

**Il-koordinatur tal-EMS se jiffaċilita l-ippjanar tar-reżiljenza għall-konnettività marittima u maż-żoni interni ma' Koordinaturi tal-Kuritur Ewropej tat-Trasport oħrajn. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-interoperabbiltà tal-portijiet fis-sistema ferrovjarja tal-UE kif ukoll lill-kisba ta' “Status ta' Navigazzjoni Tajjeb” sal-2030 għall-passaġġi fuq l-ilma interni.** Dan se jindirizza r-reżiljenza tal-passaġġi fuq l-ilma interni, ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità ferrovjarja, il-konġestjonijiet tat-terminals u tal-fruntieri u l-koordinazzjoni batuta fost il-maniġers tal-infrastruttura.

<sup>46</sup> L-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2021/1119, <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj>.

<sup>47</sup> <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj>

Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Id-disturbazzjoni u l-ispoofing tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS, Global Navigation Satellite System) qegħdin isiru dejjem aktar komuni fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar l-Iswed u fil-Mediterran u jistgħu jwasslu għal kollizzjonijiet fuq il-baħar jew fil-portijiet. L-Awtentikazzjoni tal-Messaġġ ta' Navigazzjoni b'Servizz Miftuħ ta' Galileo reċenti kif ukoll servizz ta' monitoraġġ tal-interferenza tal-frekwenza tar-radju, previsti fil-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) propost, jgħinu biex tiġi indirizzata din it-theddida li qiegħda tikber<sup>48</sup>.

**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oġġetti kritiċi jiġu ttrattati u maħżuna f'konformità mar-rekwiżiti tal-mobbiltà militari, mal-istrateġija għall-kumulazzjoni tar-riżervi tal-UE<sup>49</sup> u mar-reġim tas-Sigurtà tal-Provvista introdott mill-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea.** Il-portijiet u b'mod partikolari l-portijiet iżgħar huma importanti għall-preparatezza tal-UE u għandu jkollhom rwoli importanti meta l-Istati Membri jottimizzaw l-immappjar, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni biex jistabbilixxu u jiproteġu r-riżervi u jimminimizzaw it-tfixkil. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sigurtà tad-Droni u s-Sigurtà kontra d-Droni<sup>50</sup> jipprovdi sett ta' għodod, b'ittestjar tal-istress ta' infrastrutturi kritiċi, għarfien imsaħħaħ tal-qasam marittimu u preparatezza kkoordinata kontra d-droni.

**L-Istati Membri għandhom jiproteġu u jsaħħu l-infrastruttura, is-sovrastruttura u t-tagħmir vulnerabbli u għandhom jindirizzaw il-konġestjonijiet, isaħħu l-isforzi biex jissodaw l-infrastruttura kritika tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw biżżejjed ridondanza u kapaċità biex jassorbu d-disturbi fuq perjodu qasir u medju fil-katina tal-loġistika tagħhom u fil-provvista ta' oġġetti kritiċi, li jippermettu b'mod speċjali lin-nodi ta' mobbiltà militari l-aktar vulnerabbli jilhqqu livelli operazzjonali adegwati.**

#### **4.3. *Awtonomija diġitali għas-sigurtà ekonomika***

Is-sistemi diġitali tal-portijiet, il-ġestjoni tat-traffiku u l-pjattaformi tal-loġistika qegħdin isiru infrastruttura strateġika. Kull min jikkontrolla d-data jikkontrolla wkoll il-flussi. L-iskambji tad-data jistgħu jiżvelaw informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali tal-utenti tal-port u dawn l-iskambji huma spiss dipendenti fuq hardware u software barrani, b'ħafna mid-data tal-blokk maħżuna barra mill-UE. Il-kriminali u l-atturi ostili tal-Istat qegħdin jisfruttaw dejjem aktar il-vulnerabbiltajiet inerenti tas-sistemi u tal-proċessi diġitali għat-traffikar tad-droga u għall-attakki ċibernetiċi.

Filwaqt li l-kwistjonijiet taċ-ċibersigurtà jirrikjedu azzjoni ddedikata, l-UE trid iżżid u tiżgura s-sovranità diġitali fuq id-data li tirded it-trasport ċivili u militari. Dan jimplika soluzzjonijiet siguri ta' awtomatizzazzjoni, infrastruttura tal-cloud u tal-computing, l-użu tal-IA u l-konnettività tal-ġenerazzjoni li jmiss (5G/6G, GNSS) biex tiġi evitata kwalunkwe forma ta' koerċizzjoni minħabba l-kapaċità unika tagħha li tissodisfa rekwiżiti stretti f'termini ta' latenza qasira u throughput għoli biex tappoġġa servizzi kritiċi għall-missjoni.

---

<sup>48</sup> Sistemi ta' Osservazzjoni tad-Dinja bbażati fl-Ispazju bħal Copernicus jistgħu jikkontribwixxu għall-monitoraġġ tas-sigurtà tal-portijiet.

<sup>49</sup> COM(2025) 528

<sup>50</sup> COM(2026) 81 final.

L-UE teħtieġ ukoll operaturi u ħaddiema mħarrġa, konxji tar-rwol vitali tagħhom fl-iżgurar tal-funzjonament tan-networks tal-infrastruttura kritika tal-UE kif suppost. Flimkien mal-Istrateġija Marittima Industrijali, enfasi għda fuq l-awtonomija diġitali se toffri lin-negozji u lill-imprendituri tal-UE opportunitajiet biex jiżviluppaw u jvaraw is-soluzzjonijiet diġitali ta' għada biex jidentifikaw u jiġġieldu l-attivitajiet kriminali.

Biex issaħħaħ l-awtonomija diġitali għall-portijiet skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti, **il-Kummissjoni se tappoġġa inizjattivi ta' riċerka u żvilupp biex jiġu żgurati skambji tad-data u ħżin tad-data għall-portijiet u għall-partijiet ikkonċernati tul il-ktajjen loġistiċi multimodali.** Flimkien mal-Istati Membri, it-trasport, il-loġistika u l-industrija tal-IT, il-Kummissjoni **se tippromwovi u se tappoġġa soluzzjonijiet lejn is-sovranità tal-UE fuq id-data li tinfed it-trasport ċivili u militari vitali tagħha u se tfittex kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-istess fehma.**

#### 4.4. Ċibersigurtà

L-infrastruttura kumplessa tal-portijiet u d-diġitalizzazzjoni dejjem akbar joħolqu riskji sinifikanti taċ-ċibersigurtà<sup>51</sup> għall-ktajjen tal-provvista u għall-infrastruttura kritika tal-UE, inkluż tħassib dwar il-fornituri ta' riskju għoli li jikkontrollaw sistema ewlenija. Il-Linji Gwida<sup>52</sup> tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Ċibernetiċi għall-Portijiet u l-Gwida tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) dwar l-indirizzar taċ-ċibersigurtà abbord il-bastimenti<sup>53</sup>, jappoġġaw l-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni **se tkompli tikkoopera mal-OMI biex tavvanza l-istandards globali armonizzati taċ-ċibersigurtà għas-settur marittimu permezz ta' Kodiċi Ċibernetiku mhux obligatorju.** L-ENISA **se taġġorna l-linji gwida dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Ċibernetiku għall-Portijiet** b'miżuri tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u bl-aktar żviluppi reċenti tal-politika tal-UE bħad-Direttiva NIS2).

Flimkien mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tas-Sigurtà tan-Networks u tal-Infommazzjoni (NIS, Network and Information Security) u mal-ENISA, il-Kummissjoni se twettaq **valutazzjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà kkoordinata fil-livell tal-Unjoni dwar il-portijiet, biex tidentifika r-riskji taċ-ċibersigurtà u se ttrakkomanda miżuri ta' mitigazzjoni.** Fir-reviżjoni tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, il-Kummissjoni tipproponi qafas fdat għas-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji tal-infommazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies). Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà fil-livell tal-Unjoni, dan ikun jippermetti restrizzjonijiet proporzjonati fuq il-fornituri ta' riskju għoli fl-infrastruttura kritika tagħna. Il-Kummissjoni se twettaq ittestjar tal-preparatezza u eżerċizzji ta' estrazzjoni kkoordinati fil-portijiet fuq xenarji speċifiċi ta' riskju taċ-ċibersigurtà.

Biex jiġu skambjati l-aħjar Prattiki u infommazzjoni, il-Kummissjoni tinsab lesta li taħdem mal-Istati Membri **f'forum speċifiku għall-awtoritajiet taċ-ċibersigurtà u dawk marittimi/tal-port tal-Istati Membri,** abbażi tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS stabbilit skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Dan jista' jkopri t-tħeddid ċibernetiku, l-inċidenti, il-vulnerabbiltajiet, il-kważi inċidenti, is-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, l-eżerċizzji u l-ħiliet, il-bini

<sup>51</sup> Iċ-ċibersigurtà marittima hija koperta mid-Direttiva NIS2 u mill-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà u fil-livell internazzjonali permezz tal-Kodiċi ISPS tal-OMI.

<sup>52</sup> <https://www.enisa.europa.eu/publications/guidelines-cyber-risk-management-for-ports> .

<sup>53</sup> <https://www.emsa.europa.eu/publications/inventories/download/7660/5074/23.html>

tal-kapaċitajiet, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'attenzjoni speċjali għall-portijiet żgħar u ta' daqs medju. Se tintalab il-parteeċipazzjoni tal-ENISA, tal-EMSA u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-koordinazzjoni ma' sħubijiet pubbliċi-privati, bħaċ-Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Infurmazzjoni Marittimu Ewropew (EM-ISAC, European Maritime Information Sharing Analysis Centre) u inizjattivi reġjonali bħall-Hub għas-Sigurtà Marittima tal-Baħar l-Iswed. Il-pakkett omnibus diġitali jipproponi li jiġi stabbilit punt ta' dħul uniku għar-rapportar obbligatorju ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà.

#### ***Azzjonijiet Ewlenin***

- *Tiġi aġġornata l-gwida eżistenti dwar is-sigurtà tal-portijiet biex tkopri b'mod adegwat it-theddid rilevanti kollu*
- *Jiġu żviluppati oqfsa reġjonali b'mod konġunt mas-SEAE biex ikun hemm kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fit-titjib tas-sigurtà tal-portijiet u ssir ħidma fuq allinjament akbar tal-kontrolli doganali fil-portijiet tal-UE flimkien ma' protokoll ta' sigurtà aħjar madwar id-dinja.*
- *Jiġi propost qafas tal-UE għall-kontrolli tal-isfond għall-ħaddiema tal-port.*
- *Jinħoloq forum għall-awtoritajiet taċ-ċibersigurtà u għall-awtoritajiet marittimi/tal-port tal-Istati Membri biex jiskambjaw infurmazzjoni u l-aħjar prattiki.*
- *Titwettag valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jiġu identifikati r-riskji taċ-ċibersigurtà u jiġu rakkomandati miżuri xierqa biex dawn jittaffew.*

## **5. AĊĊESS GĦALL-FINANZI U L-INVESTIMENT**

Hija biss taħlita ta' finanzjament tal-UE, nazzjonali u privat, appoġġata minn oqfsa regolatorji prevedibbli u għodod ta' tnaqqis tar-riskji, li tista' tindirizza l-isfidi u r-rwoli li qegħdin jevolvu li jiffaċċjaw il-portijiet. Il-partijiet ikkonċernati pprovdew stimi tal-ħtiġijiet ta' investiment<sup>54</sup>, ibbażati fuq iż-żieda fil-flussi tal-kummerċ, fuq l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, fuq id-daqs tal-bastimenti li qed jiżdied u fuq il-ħtiġijiet ta' sostenibbiltà u reżiljenza. Ir-restrizzjonijiet fuq il-finanzjament jinkludu l-aċċess għal finanzjament sigur, kostijiet dejjem jiżdiedu u proċeduri twal u għaljin għall-ħruġ tal-permessi.

Il-finanzjament pubbliku, f'konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat meta applikabbli, inaqqas ir-riskji għall-investituri privati, u jippermetti proġetti b'valur pubbliku sinifikanti, filwaqt li jindirizza l-isfidi tas-soċjetà. Madankollu, il-finanzjament pubbliku huwa limitat u **jrid ikun immirat biex jimmassimizza l-impatt tiegħu (ara l-Anness 1 għall-prinċipji ta' finanzjament).**

L-UE appoġġat proġetti portwarji dwar l-enerġija, is-sostenibbiltà, il-konnettività, l-innovazzjoni u aspetti oħra taħt diversi strumenti mill-2014, b'madwar EUR 10 biljun għall-varar u aktar minn EUR 200 miljun għar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Programmi ta' Koeżjoni, Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa<sup>55</sup>. Il-Kummissjoni se **tagħti prijorità wkoll lill-appoġġ għall-iżvilupp tal-OPS fil-portijiet, f'sejħa tal-FNE tal-2026.**

<sup>54</sup> L-ESPO jistma EUR 80 biljun: [https://www.espo.be/media/ESP-3217\\_InvestmentStudyReport2024\\_LR.pdf](https://www.espo.be/media/ESP-3217_InvestmentStudyReport2024_LR.pdf)

<sup>55</sup> FNE-T (EUR 3,9 biljun), FNE-E (EUR 856 miljun), il-FEŻR u l-programmi tal-Fond ta' Koeżjoni (EUR 3,7 biljun), il-Fond għall-Innovazzjoni (EUR 870 miljun), Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (EUR 218 miljun).

Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (2028-34), għadd ta' strumenti jistgħu jappoġġaw investimenti fil-portijiet: il-**Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)** propost jista' jinkludi investimenti f'infrastruttura, sovrastuttura u tagħmir diġitalizzati, nodfa, siguri, b'użu doppju, multimodali u sovranu fil-portijiet, inklużi l-infrastruttura tal-iċċarġjar u t-teknoloġija blu. **Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2028-2034 (FNE3)**, b'baġit propost għat-trasport ta' EUR 51,5 biljun, se tkun strument ewlieni tal-UE, bil-portijiet bħala parti mill-prijoritajiet ta' finanzjament għall-konnettività transfruntiera<sup>56</sup>. **L-Orizzont Ewropa 2028-2034** futur għandu jappoġġa l-innovazzjoni fil-portijiet.

Skont ir-Regolament propost li jirregola **l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali**, wieħed mill-objettivi speċifiċi jinkludi miżuri li jsaħħu l-infrastruttura tat-trasport tal-Unjoni u li jikkontribwixxu għat-tlestija tat-TEN-T filwaqt li jiġu dekarbonizzati u mtejbja l-konnettività, is-sigurtà u l-aċċessibilità għal żoni remoti, periferali u anqas konnessi. Bil-fondi disponibbli, **l-Istati Membri u r-reġjuni se jkunu jistgħu, skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi lokali, jipromwovu l-iżvilupp tal-portijiet tagħhom.**

Kif stabbilit fl-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE, il-Fond għall-Innovazzjoni, iffinanzjat mill-EU ETS, fl-2027 se jiftaħ sejħa marittima ddedikata, li tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għal proġetti fil-portijiet.

Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (Grupp tal-BEI), fil-perjodu 2014-2025 ipprova appoġġ għal proġetti fil-portijiet marittimi u interni b'madwar EUR 2,8 biljun mir-riżorsi proprji, inklużi proġetti dwar ir-reżiljenza klimatika, id-dekarbonizzazzjoni, il-koeżjoni, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà u d-difiża, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u fjuwils alternattivi<sup>57</sup>. **Il-Kummissjoni se titlob lis-Servizzi ta' Konsulenza tal-BEI biex jipprova appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet speċifikament għall-portijiet tat-TEN-T żgħar u ta' daqs medju.** Barra minn hekk, il-Kummissjoni se **timpenja ruħha ma' Banek u Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali u ma' partijiet ikkonċernati finanzjarji privati biex tidentifika soluzzjonijiet ta' finanzjament addizzjonali f'konformità mal-prijoritajiet, mal-kriterji u mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'din l-istrateġija.**

Ix-xenarju dinamiku tal-industrija globali tal-portijiet qiegħed jara bidla lil hinn mill-attivitajiet ewlenin tan-negozju, li tespandi għal teknoloġiji u innovazzjonijiet ġodda li jisfruttaw opportunitajiet ġodda. Ħafna portijiet diġà qiegħdin jiddiversifikaw b'suċċess, iżda għad hemm potenzjal għal aktar tkabbir. **Il-portijiet tal-UE għandhom isegwu strateġiji progressivi u mhux konvenzjonali, li jintegraw teknoloġiji mill-aktar avvanzati u Prattiki sostenibbli innovattivi.** B'mod partikolari, il-portijiet żgħar u ta' daqs medju għandhom jaħtfu l-opportunitajiet tan-negozju fit-tranżizzjoni tal-enerġija u fid-diġitalizzazzjoni.

---

InvestEU ingranat EUR 200 miljun fil-portijiet, flimkien ma' EUR 730 miljun fuq is-setturi diġitali u tal-kontroll-kmand u sinjalazzjoni (CCS, Control-Command and Signalling) rilevanti għall-portijiet. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) qiegħda tipprova appoġġ sinifikanti f'xi Stati Membri għal proġetti dwar il-provvista tal-enerġija fuq l-art u l-ekoloġizzazzjoni tal-portijiet.

<sup>56</sup> Baġit propost mill-FNE 2028-2034 ta' EUR 29,9 miljun għal objettivi speċifiċi dwar l-enerġija, (COM (2025) 547).

<sup>57</sup> <https://www.eib.org/en/products/index>: [Dak li noffru](#).

## 6. KOEŻJONI SOĊJALI, HILJET U IMPJIEGI TA' KWALITÀ

### 6.1. *Portijiet bħala konnetturi*

Il-portijiet huma faċilitaturi vitali għall-iżvilupp ekonomiku, ir-reżiljenza, il-koeżjoni soċjali u territorjali taż-żoni tal-Artiku u kostali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi u l-20 miljun ċittadin tal-UE tagħhom. L-iżvilupp industrijali u l-clusters marittimi innovattivi fil-portijiet, itejbu l-ekonomija lokali, filwaqt li l-ispazji pubbliċi u privati fuq il-kosta jżidu l-attraenza tal-bliet. Dan jista' jirriżulta f'kompetizzjoni għall-ispazju u f'impatt ambjentali negattiv f'żoni b'popolazzjoni densa.

Il-Kummissjoni se **tkompli tappoġġa l-koeżjoni territorjali u l-konnettività tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi**, b'mod partikolari dawk bi sfidi demografiċi, permezz tal-finanzjament tal-politika ta' Koeżjoni u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-Trasport (FNE-T) u **tistieden lill-Istati Membri jappoġġaw l-infrastruttura, l-enerġija nadifa u l-fjuwil, is-sikurezza u t-titjib fis-sostenibbiltà għal portijiet żgħar u ta' daqs medju**, b'mod partikolari fuq gżejjer, f'reġjuni remoti u ultraperiferiċi. Il-Kummissjoni se **tinkludi miżuri ta' politika biex jissaħħu l-kontribuzzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-portijiet għall-komunitajiet lokali** fil-qafas tal-Istrateġija tal-Komunitajiet Kostali li jmiss u l-Komunikazzjonijiet dwar l-Istrateġija tal-Gżejjer. L-interazzjonijiet bejn il-portijiet u l-bliet jirrikjedu l-ibbilanċjar ta' fatturi ekonomiċi, ambjentali u soċjali. Il-Kummissjoni se **ssaħħa id-djalogi u se tappoġġa l-iżvilupp tal-aħjar Prattiki u gwida dwar it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-portijiet u l-bliet**<sup>58</sup>. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi pjan direzzjonali ġdid għal portijiet żgħar u ta' daqs medju kompetittivi.

### 6.2 *Forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri fil-portijiet tal-UE*

Forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u mħarrġa kontinwament hija kruċjali biex jitwettqu t-tranżizzjonijiet ġusti, nodfa u diġitali fil-portijiet u fl-attivitajiet tal-ekonomija blu assoċjati, inkluż fil-komunitajiet lokali madwar il-portijiet. Strateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali Blu ġdida skont il-Patt Ewropew għall-Oċeani, ippjanata għall-2027, se tgħin fl-iżvilupp ta' **forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati tal-ġenerazzjoni li jmiss fis-setturi kollha tal-ekonomija blu, inklużi l-portijiet**.

Skont il-Patt għall-Ħiliet imsaħħa, imħabbar fl-Unjoni tal-Ħiliet, il-Kummissjoni tteġġeg **lis-sħab soċjali, lill-portijiet u lil partijiet ikkonċernati oħra, inklużi ċentri ta' taħriġ rilevanti, biex jstabilixxu sħubija ddedikata għall-ħiliet għas-settur tal-portijiet** biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet, jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, jiġu promossi inizjattivi ta' titjib u ta' tiġdid tal-ħiliet<sup>59</sup> u jiġi promoss aċċess inklużiv għal impjiegi ta' kwalità, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażaġh. L-industrija marittima, inklużi l-portijiet, hija mistiedna **tikkoopera mas-sħubija fuq skala kbira għall-ekosistema diġitali fil-Patt għall-Ħiliet**

<sup>58</sup> Permezz tal-Missjoni tal-UE Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, il-Missjoni tal-UE Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna, il-Patt Ewropew għall-Oċeani, l-Istrateġija tal-Komunitajiet Kostali, l-angolu mis-sors għall-baħar tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma. L-inizjattivi urbani tal-UE, bħall-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi u l-Patt tas-Sindki jħeġġu l-insewiment ta' għanijiet ambjentali u relatati mal-klima ambizzjużi fil-bliet tal-portijiet.

<sup>59</sup> Filwaqt li tibni fuq inizjattivi bħar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (inklużi akkademji zero netti) u l-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità.

sabiex tappoġġa t-titjib tal-ħiliet diġitali fis-settur tal-portijiet, u **tissottometti wegħdjet skont l-Akkademja għall-ħiliet fiċ-Ċibersigurtà u tuża l-għodda tal-qafas Ewropew għall-ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà (ECSF, European Cybersecurity Skills Framework) għall-professionisti tal-portijiet.** Azzjonijiet komplementari skont l-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE biex il-karrieri fil-cluster tat-trasport marittimu jsiru aktar attraenti u biex tiġi promossa l-mobbiltà bejn ir-rwoli bbażati fuq il-baħar u fuq l-art huma wkoll rilevanti ħafna għas-settur tal-portijiet.

L-acquis tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH, Occupational Safety and Health) japplika għall-portijiet. Barra minn hekk, it-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-portijiet, l-ispettorati tax-xogħol u l-aġenziji tas-sikurezza marittima, inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera bl-appoġġ tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, huwa kruċjali għall-protezzjoni tal-ħaddiema.

Barra minn hekk, emendi reċenti<sup>60</sup> ċċaraw l-applikazzjoni tar-regoli ta' investigazzjoni tal-aċċidenti tat-trasport marittimu relatati mal-ħaddiema tal-port abbord il-bastimenti. Id-Direttiva dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port<sup>61</sup>, tipprevedi sistema ta' kontrolli mmirati fuq il-post tal-konformità tal-bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE. Biex tkompli ssaħħa is-sikurezza, u bl-involviment tas-sħab soċjali, **il-Kummissjoni se tħejji gwida dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza marittima għall-ħaddiema tal-port abbord il-bastimenti.** L-UE se tappoġġa aktar riċerka u gwida dwar **il-maniġġ sikur ta' fjuwils alternattivi, rinnovabbli, b'livell baxx u żero ta' emissjonijiet tal-karbonju fiż-żona tal-port taħt Orizzont Ewropa u l-Kummissjoni se tħejji materjal ta' gwida u taħriġ dwar il-maniġġ sikur ta' fjuwils alternattivi fil-portijiet.**

L-UE se tkompli tippromwovi standards għoljin ta' sikurezza u xogħol, djalogu soċjali u prattiki tajbin, inkluż f'fora internazzjonali. **L-Istati Membri huma mħeġġa jappoġġaw it-titjib tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà<sup>62</sup> fil-portijiet u jiżguraw l-implimentazzjoni u r-rispett tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar ix-xogħol u l-ftehimiet ta' negozjar kollettiv.**

#### ***Azzjonijiet Ewlenin***

- *Jiġu appoġġati portijiet żgħar u ta' daqs medju bi pjan direzzjonali speċifiku (Anness 2)*
- *Jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati tal-ġenerazzjoni li jmiss fis-setturi kollha tal-ekonomija blu, inklużi l-portijiet, permezz ta' azzjonijiet taħt l-Istrateġija ta' Tiġdid tal-Ġenerazzjonijiet Blu.*
- *Jiġu appoġġati s-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jistabbilixxu Patt għall-ħiliet għas-settur tal-portijiet dwar it-titjib tal-ħiliet, it-tiġdid tal-ħiliet u l-inklużjoni tal-ħaddiema.*
- *Titħejja gwida dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza marittima għall-ħaddiema tal-port abbord il-bastimenti.*
- *Titħejja gwida dwar il-maniġġ sikur ta' fjuwils alternattivi fil-portijiet.*

<sup>60</sup> <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/3017/oj>

<sup>61</sup> <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/3099/oj>

<sup>62</sup> Inkluża d-Direttiva 2012/18/UE (Seveso), id-Direttiva 2014/34/UE (ATEX). Id-Direttiva 1999/92/KE (il-protezzjoni tas-sikurezza u tas-saħħa tal-ħaddiema), id-Direttiva (UE) 2024/1788 (il-pakkett dwar il-Gass u l-Idroġenu).

## 7. KONKLUŻJONI

Din l-istrateġija tenfasizza r-rwol vitali tal-portijiet għall-ekonomija tal-UE u għas-soċjetà taġna. Din tistabbilixxi qafas biex is-settur tal-portijiet tal-UE jibqa' validu fil-futur, itejjeb il-kompetittività tiegħu u jespandi r-rwol tal-portijiet għas-soċjetà b'mod sigur, sikur u sostenibbli, u jżid ir-reżiljenza, il-mobbiltà militari u s-sigurtà ċibernetika u ekonomika. Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva taġha u l-ilħuq tal-oġettivi taġha b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati kollha msemmija hawn fuq. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tnedi **Bord tal-Industriji u l-Portijiet Marittimi ta' livell għoli** ppresedut mill-Kummissarju responsabbli u mill-Viċi Presidenti Eżekuttivi (EVPs, Executive Vice-Presidents) bil-għan li jkun hemm skambju kontinwat fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet deskritti **kemm fl-istrateġiji Marittimi u tal-Portijiet Industrijali tal-UE** kif ukoll biex tiġbor feedback dwar l-iżviluppi fis-suq.

## ANNEX 1: Prinċipji ta' finanzjament<sup>63</sup>

### A) Prinċipji komuni għall-proġetti portwarji tal-UE fil-flussi ta' finanzjament rilevanti kollha tal-UE:

- Il-finanzjament pubbliku għandu jiffoka fuq il-kisba tal-ogħla u tal-aktar impatt katalitiku fuq l-isfidi pubbliċi u tas-soċjetà f'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.
- L-għotjiet għandhom jingħataw biss lil proġetti ta' interess pubbliku ċar, li jisfruttaw u li jnaqqsu r-riskju ta' investimenti privati.
- Il-prijoritajiet pubbliċi għandhom jinkludu r-reżiljenza tal-ktajjen kritiċi tal-provvista u tal-loġistika, il-konnettività, il-forniment ta' fjuwils ekoloġiċi, il-provvista u l-iċċarġjar tal-enerġija fuq l-art, l-elettrifikazzjoni tal-portijiet u l-konnessjonijiet tal-grilja, l-infrastruttura ekoloġika u l-operazzjonijiet tal-portijiet sostenibbli, il-kapaċitajiet b'użu doppju u s-sigurtà fiżika u diġitali tal-portijiet, il-għieda kontra l-kriminalità u t-traffikar tad-droga, il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjeg f'komunitajiet kostali, l-ekonomija ċirkolari, it-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ.
- Għandha tingħata attenzjoni partikolari, fost il-gżejjer, ir-reġjuni kostali u dawk ultraperiferiċi, skont il-ħtiġijiet tagħhom, għal portijiet żgħar u ta' daqs medju u speċjalment f'termini ta' titjib tas-sikurezza, l-elettrifikazzjoni u l-aċċess għall-grilji.
- L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-UE għandu jingħata prijorità u l-varar tagħhom għandu jiżdied.
- Il-ħolqien ta' network ta' portijiet reżiljenti, li kapaċi jiżgura ktajjen loġistiċi u ta' provvista kritiċi, mobbiltà militari u konnettività, inklużi gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi u l-protezzjoni tal-portijiet tal-baħar tal-UE minn theddid internazzjonali.
- Il-portijiet tal-UE esposti direttament għal kompetizzjoni inġusta minn portijiet ta' pajjiżi terzi għandhom jibbenefikaw minn finanzjament għal infrastruttura ekoloġika u tagħmir tal-port.
- Il-finanzjament pubbliku għal entitajiet fil-portijiet tal-UE, ikkontrollati direttament jew indirettament minn interessi ta' pajjiżi terzi, għandu jiġi eżaminat mill-qrib f'każijiet marbuta mas-sigurtà tal-UE u mal-interessi tal-ordni pubbliku inklużi l-infrastrutturi kritiċi jew b'użu doppju.
- Is-soluzzjonijiet għandhom jiġu iċċentivati biex jappoġġaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fl-UE, u għandhom jiġu esplorati sinerġiċi bejn is-setturi.
- Għandhom jiġu kkunsidrati l-benefiċċji potenzjali għas-sigurtà ta' dipendenza fuq fornituri tat-teknoloġija u tas-servizzi minn ġewwa l-UE jew minn pajjiżi tal-istess fehma.
- Is-soluzzjonijiet proposti mill-atturi fil-pajjiżi tat-tkabbir għandhom jitqiesu bħala parti mill-katina usa' tal-provvista tal-UE.

### B) Prinċipji gwida għall-appoġġ għall-proġetti tal-port f'pajjiżi terzi:

- Issir enfasi fuq sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku, fejn il-prijoritajiet jiġu kondiviżi, bħall-implimentazzjoni ta' standards komuni, il-bini tal-kapaċitajiet fuq miżuri regolatorji, l-espansjoni ta' infrastruttura tal-fjuwil nadif, il-protezzjoni tal-ambjent,

<sup>63</sup> Dan l-Anness huwa mingħajr preġudizzju għall-proċeduri leġislattivi fir-rigward tal-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034.

il-bijodiversità u l-klima, il-prijoritajiet tat-tkabbir, is-sikurezza u s-sigurtà marittima u tal-portijiet, u l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u tal-bnedmin u tipi oħra ta' użu illegali jew illeċitu tal-infrastruttura tal-port. Jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, standards soċjali u ambjentali, protezzjoni tal-klima, kif ukoll rispett għar-rekwiżiti ta' sikurezza u sigurtà.

- Tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tal-UE (inkluż kontroll tal-kompetittività biex jiġi vvalutat l-appoġġ finanzjarju għall-proġetti tal-portijiet li jkollhom impatt negattiv fuq l-attivitajiet fil-portijiet tal-UE sa 300 mil nawtiku).
- Ikun hemm benefiċċju għall-għanijiet tal-politika tal-UE relatati mal-konnettività u l-kummerċ, l-importazzjoni/l-esportazzjoni ta' materja prima kritika jew ta' fjuwils rinnovabbli, u prodotti oħra ta' importanza kritika għall-ekonomija tal-UE.
- Jiġi żgurat li l-ftehimiet internazzjonali rilevanti bejn l-UE u pajjiżi terzi jkun fihom kundizzjonijiet ġusti ta' aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u tat-terminals u għal konċessjonijiet għall-forniment ta' dawk is-servizzi, b'mekkaniżmi ċari biex tiġi segwita l-applikazzjoni tagħhom.
- Tiġi appoġġata l-aderenza ma' ftehimiet internazzjonali vinkolanti ambizzjużi fl-OMI.

## ANNEX 2: Pjan direzzjonali ġdid għal portijiet żgħar u ta' daqs medju kompetittivi

Il-portijiet żgħar, ta' daqs medju u tal-gżejjer huma parti importanti mis-sistema Ewropea tal-portijiet b'ħafna potenzjal. Huma jappoġġaw il-komunitajiet kostali, il-konnettività u l-koeżjoni territorjali, filwaqt li jgħaqqdu l-ekonomiji reġjonali u jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-Unjoni fil-livell lokali u reġjonali. Huma għandhom ukoll rwol fl-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-ktajjen tal-provvista tal-enerġija u f'dawk kritiċi, u jappoġġaw l-ekonomija blu, inkluż is-sajd, kif ukoll segmenti tas-suq importanti u speċjalizzati bħat-trasport tal-passiġġieri, l-enerġija u l-elettriku lil hinn mill-kosta. Għalhekk, din l-istrateġija tagħti attenzjoni speċifika lill-portijiet żgħar u ta' daqs medju, inkluż fir-rigward tas-simplifikazzjoni, tal-innovazzjoni, tal-Ispazju Marittimu Ewropew, tal-elettrifikazzjoni u tas-sigurtà. L-Istrateġija tal-Komunitajiet Kostali se tkompli tappoġġa l-kompetittività u d-diversifikazzjoni tar-reġjuni kostali, b'enfasi partikolari fuq il-portijiet iż-żgħar. **Il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE** se jindirizza wkoll l-użu tal-enerġija rinnovabbli f'portijiet żgħar u se jappoġġa l-iżvilupp ta' metodoloġija armonizzata tal-UE għall-kejl tal-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet fil-portijiet. Se jiġu pprovduti wkoll appoġġ u gwida mmirati.

- **Prijorità speċifika ta' finanzjament, finanzjament tal-politika ta' Koeżjoni u bini tal-kapaċità finanzjarja u tħejjija tal-proġetti** mill-hub ta' konsulenza tal-BEL.
- **Appoġġ aħjar mill-Istati Membri** bid-Deċiżjoni dwar is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali.
- Il-promozzjoni **tal-elettrifikazzjoni tas-siti u l-clusters industrijali** bil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Elettrifikazzjoni li jmiss.
- **Proġetti pilota dwar l-integrazzjoni ta' sorsi alternattivi tal-enerġija** (finanzjament potenzjali Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura).
- **Pjattaforma BlueInvest** għall-appoġġ għall-ittestjar ta' teknoloġiji ġodda, il-validazzjoni tas-suq, l-assistenza teknika u l-ġbir ta' fondi.
- **Pariri dwar iċ-ċibersigurtà u l-bini tal-kapaċitajiet.**
- L-estensjoni tal-Alleanza tal-Portijiet biex jiġu kondiviżi **l-aħjar Prattiki u pariri dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-attivitajiet kriminali.**
- **Il-pjan ta' ħidma dwar l-Ispazju Marittimu Ewropew (EMS)** li ġej se jindirizza l-iżvilupp ta' ċentri u konnessjonijiet tat-tbaħħir marittimu fuq distanzi qosra sostenibbli u ekoloġiċi, il-kollaborazzjoni bejn il-portijiet, b'enfasi fuq portijiet iżgħar.
- **Il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Trasport bil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni (IWT) għall-perjodu 2028-2034**, se jinkludi azzjonijiet speċifiċi biex jiġu promossi l-kondiviżjoni tal-għarfien u biex jiġu appoġġati l-portijiet interni.

## ANNEX 3: Sommarju tal-azzjonijiet u l-gwida

### **Pilastru I – TISĦIĦ TAL-KOMPETITIVITÀ, L-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI**

#### **II-Kummissjoni:**

- mill-2026, se tagħti prijorità lil inizjattivi ta' benefiċċju reċiproku f'portijiet ta' pajjiżi terzi f'konformità ma' prinċipji gwida ċari.
- mill-2026, se tapplika l-prinċipji ta' din l-istrateġija f'negozjati dwar ftehimiet internazzjonali u oqfsa ta' kooperazzjoni.
- Mill-2026, se tkompli ssegwi l-aċċess għas-suq f'negozjati dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), se tinvolvi ruħha ma' pajjiżi terzi biex tippromwovi kundizzjonijiet ta' investment ġusti u aċċess għan-negozji tal-UE.
- mill-2026, se tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom fl-istandardizzazzjoni internazzjonali għal fluss tax-xogħol ġdid fuq Portijiet u Terminals Innovattivi taħt il-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea.
- sal-2028, se tiżviluppa gwida għall-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-UE u qafas għall-immappjar u l-monitoraġġ tal-investimenti barranin fil-portijiet tal-UE.
- mill-2026, se tagħmel enfasi aktar b'saħħitha fuq il-varar lil hinn mill-fażi pilota fl-inizjattivi futuri ta' Orizzont Ewropa, inkluż is-suġġett ewlieni "Portijiet tal-Futur".
- se ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni fl-użu ta' fjuwils alternattivi, l-elettrifikazzjoni, id-disinn, il-modifika retroattiva ta' tagħmir, l-effiċjenza enerġetika u d-diġitalizzazzjoni, u l-inklużjoni ta' sistemi ta' konverżjoni tal-enerġija, iċ-ċirkolarità u soluzzjonijiet diġitali.
- mill-2026, se tfittex it-tishiĥ tal-kooperazzjoni pubblika-privata taħt il-Programm Qafas Orizzont Ewropa tal-2028-2034 f'oqsma prijoritarji.
- fl-2026, se ssaħħaħ ir-regoli dwar l-aċċess għall-faċilitajiet tas-servizzi ferrovjarji.
- fl-2028 se tipproponi programm ta' Azzjoni dwar it-Trasport bil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni (IWT), għall-perjodu 2028-2034, li jiffoka fuq il-portijiet interni.
- sal-2028, se tistabbilixxi linji gwida tal-UE għall-kondiviżjoni effiċjenti tad-data fil-katina tat-trasport.
- fl-2027, fejn xieraq, anke fid-dawl tal-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika, se tivvaluta jekk hemmx bżonn li jinbidlu l-limiti u se tipprovdi aktar gwida, billi tagħti eżempji u kjarifiki interpretattivi tar-regoli tal-GBER, inkluż għall-investimenti fl-infrastruttura tal-port.
- fl-2026, se tirrieżamina l-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet bil-għan li tipprovdi gwida ċara u aġġornata dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-fużjonijiet kemm għall-effetti orizzontali kif ukoll għal dawk mhux orizzontali tal-fużjonijiet.

#### **II-koordinatur Ewropew għall-Ispazju Marittimu Ewropew (EMS) se:**

- jagħti prijorità, fil-pjan ta' ħidma li jmiss dwar l-EMS, lill-iżvilupp ta' hubs u konnessjonijiet ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra sostenibbli u ekoloġiċi, se jippromwovi l-kollaborazzjoni bejn il-portijiet, b'fokus fuq portijiet iżgħar, l-aġġornament tal-infrastruttura marittima u l-integrazzjoni mat-trasport bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

- jiffaċilita l-ippjanar tar-reżiljenza permezz ta' workshops ma' Koordinaturi Ewropej tal-Kurituri tat-Trasport oħra biex jiġu esplorati għażliet ta' kontinġenza għall-konnettività marittima u maż-żoni interni jekk il-portijiet ewlenin fuq rotot ewlenin tat-trasport jiġu mfixkla.

**L-Istati Membri huma mistednin biex:**

- ikollhom rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' standards internazzjonali tekniċi globali f'fora internazzjonali rilevanti, inkluż l-ISO.
- jipprevjenu, jimmitigaw u jindirizzaw ir-riskji assoċjati mas-sjieda barranija u l-kontroll ta' infrastrutturi strateġiċi b'użu doppju u l-operazzjonijiet relatati tagħhom.
- jiżguraw il-possibbiltà li jinkiseb kontroll pubbliku temporanju jew id-dritt tal-użu ta' infrastruttura, assi jew tagħmir strateġiku b'użu doppju skont id-dritt nazzjonali.
- jiżguraw li l-miżuri meħtieġa tar-Regolament dwar il-Mobbiltà Militari jiġu implimentati bis-sħiħ u malajr, ladarba jiġu adottati.
- jissimplifikaw il-proċeduri tal-ippjanar u tal-ħruġ tal-permessi biex jippermettu adozzjoni rapida tal-innovazzjoni fil-portijiet.
- jagħtu prijorità oġhla lit-titjib tad-disponibbiltà u tal-kapaċità tal-konnessjonijiet maż-żoni interni permezz tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

jirrazzjonalizzaw l-ippjanar tal-użu tal-art u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi biex jippermettu żvilupp rapidu ta' żoni addizzjonali għall-użu tal-port.

**Il-partijiet ikkonċernati tas-settur huma mħeġġa biex:**

- jappoġġaw l-adozzjoni u d-distribuzzjoni tar-riċerka ffinanzjata mill-UE, jikkondividu l-aħjar Prattiki u jiżviluppaw sħubijiet u mudelli ġodda ta' negozju, imorru lil hinn minn sfidi speċifiċi/lokali u jindirizzaw ir-rekwiżiti tas-suq b'mod ġenerali, inklużi dawk ta' portijiet żgħar u ta' daqs medju.

**L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati huma mistiedna biex:**

- japplikaw il-prinċipji gwida stabbiliti f'din l-istrateġija wkoll għall-inizjattivi tagħhom stess u jtejbju l-koordinazzjoni ġenerali u l-iskambju ta' informazzjoni.
- jirrazzjonalizzaw il-proċeduri tal-ippjanar u tal-ħruġ tal-permessi biex jippermettu adozzjoni rapida tal-innovazzjoni fil-portijiet.
- jagħtu prijorità oġhla lill-konnessjonijiet maż-żoni interni bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.
- jimmiraw għal bilanċ bejn ir-redditu fuq l-investimenti għall-operaturi privati u obbligi kuntrattwali xierqa (durata, kundizzjonijiet trasparenti u ġusti għat-tiġdid, klawżoli ta' flessibbiltà) biex jiżguraw ir-reżiljenza, is-sigurtà, is-sikurezza u t-tnaqqis tal-emissjonijiet.

**Pilastru II – TRANŻIZZJONI AVVANZATA TAL-ENERĠIJA, SOSTENIBBILTÀ U INDUSTRIJI NODFA**

**II-Kummissjoni:**

- fl-2026, se tkompli timmonitorja l-varar tal-OPS u fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni li ġej, se tintroduċi miżuri ġodda biex tappoġġa l-elettrifikazzjoni tal-portijiet u tippromwovi trasparenza akbar tal-ipprezzar tal-OPS.
- se tuża l-opportunitajiet tal-implimentazzjoni tat-T-MED biex tappoġġa l-konnettività tal-enerġija sostenibbli fost il-portijiet tal-Mediterran.
- fil-Pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija li jmiss, se tikkunsidra kif tippromwovi d-disponibbiltà ta' fjuwils sostenibbli fil-portijiet.
- fir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR, Alternative Fuels Infrastructure Regulation), se tikkunsidra miżuri biex taċċellera l-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għat-tbaħħir.
- se tikkordina l-isforzi tal-Istati Membri u se tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki, inkluż possibbilment permezz ta' linji gwida.
- sa tmiem l-2026, se tivvaluta l-kapaċità tal-infrastruttura u l-ħtiġijiet futuri għall-provvista ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-portijiet u lill-portijiet permezz tal-Alleanza RLCF.
- fl-2026, se tikkummissjona studju taħt l-Impriża Konġunta għall-Idroġenu Nadif, biex tappoġġa l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-Koalizzjoni Globali tal-Portijiet għall-Idroġenu.
- mill-2026, se tappoġġa sħubijiet mal-portijiet, mal-awtoritajiet lokali u mal-clusters industrijali.
- se tkegħgeġ kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-portijiet, il-kumpaniji tal-enerġija, l-operaturi tal-grilja u l-awtoritajiet lokali u hija lesta li ttipprovi gwida informali dwar kwistjonijiet tal-antitrust.
- sal-2027, se torganizza serje ta' workshops immirati għall-portijiet.
- se tirrevedi l-Att Delegat dwar it-Tassonomija fir-rigward tal-Klima biex ittejjeb l-użu tal-Kriterji Tekniċi ta' Skrinjar u se tissimplifikahom u se taġġornahom biex jirriflettu l-iżviluppi rilevanti tal-politika, leġiżlattivi u teknoloġiċi.
- se timmira għal kejl u rapportar aktar konsistenti tal-emissjonijiet fiż-żoni tal-portijiet.

#### **L-Istati Membri huma mistednin biex:**

- jappoġġaw teknoloġiji mingħajr fili u soluzzjonijiet ta' grilji intelliġenti, proċeduri diġitalizzati u użu aħjar tal-assi tal-grilja eżistenti.
- jippromwovu soluzzjonijiet ta' ġestjoni tad-domanda, speċjalment għal portijiet żgħar u medji.
- isaħħu s-sinerġiji bejn it-TEN-T u t-TEN-E u ppjanar ieħor tan-network tal-elettriku u f'dan il-kuntest jinkludu l-ħtiġijiet fuq l-art, kif rifless fil-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp tan-network fil-Pjanijiet ta' Żvilupp tan-Network Lil Hinn mill-Kosta li jmiss.
- jirriflettu fil-proċeduri nazzjonali u fil-valutazzjonijiet każ b'każ il-preżunzjoni ta' interess pubbliku prevalenti għall-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku, inkluża l-OPS fil-portijiet.
- jallokaw parti mid-dħul tal-EU ETS għall-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni marittima fil-cluster marittimu kollu fl-Ewropa.
- jappoġġaw il-kooperazzjoni strutturata bejn il-portijiet u l-clusters industrijali lokali biex jiġu promossi s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-kondiviżjoni tal-enerġija, l-użu mill-ġdid tas-sħana mormija, is-soluzzjonijiet tal-ħżin u l-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija ċċentrati fil-portijiet.

- jużaw, meta rilevanti, id-dispożizzjonijiet relatati mal-iżvilupp tal-portijiet skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha ta' regoli ambjentali ġodda dwar it-tniġġis tal-baħar mit-tbaħħir fil-portijiet.
- jindirizzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fil-portijiet fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima u l-Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja tagħhom.

### **Pilastru III – IL-PROTEZZJONI U S-SIGURTÀ TAL-PORTIJET**

#### **II-Kummissjoni:**

- sal-2027, se taġġorna l-gwida eżistenti dwar il-legiżlazzjoni dwar is-sigurtà marittima biex tkopri b'mod adegwat it-theddid rilevanti kollu.
- sa tmiem l-2026, se taħdem mal-Istati Membri tal-UE lejn gwida internazzjonali aġġornata fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.
- sa tmiem l-2026, se tippreżenta Strateġija tal-UE Kontra l-Korruzzjoni.
- fl-2027, se tippromwvi qafas tal-UE għall-verifiki tal-preċedenti personali għall-ħaddiema fil-portijiet.
- fl-2027, se testendi l-isforzi tas-sigurtà għall-portijiet interni, inklużi dawk mhux koperti mill-Kodiċi ISPS, f'kooperazzjoni mal-kummissjonijiet tax-xmajjar.
- fl-2027, se tippubblika l-aħjar Prattiki Biex Jiġi Pprevenut it-Traffikar tad-Droga u se tesplora kooperazzjoni ulterjuri mal-pajjiżi kandidati.
- sal-2027, se tiżviluppa oqfsa reġjonali b'mod konġunt mas-SEAE biex tikkoopera ma' pajjiżi terzi fit-titjib tas-sigurtà tal-portijiet u se taħdem fuq allinjament akbar tal-kontrolli doganali fil-portijiet tal-UE flimkien ma' protokoll ta' sigurtà aħjar madwar id-dinja.
- sal-2027, se taħdem fuq l-iskambju ta' informazzjoni bidirezzjonali pubbliku-privat bejn id-dwana u l-kumpaniji tal-loġistika marittima.
- se tkun lesti li tivvaluta sa liema punt l-istrumenti tal-antitrust jistgħu jappoġġaw l-applikazzjoni tal-gwida jew tal-aħjar Prattiki Żviluppanti mill-Alleanza tal-Portijiet Ewropej.
- fl-2026, se tippreżenta Qafas Integrat Ewropew għar-Reżiljenza Klimatika.
- mill-2026, se tappoġġa inizjattivi ta' riċerka u żvilupp biex isiru skambji tad-data u ħżin tad-data sikuri għall-portijiet u għall-partijiet ikkonċernati tul il-ktajjen tal-loġistika multimodali.
- mill-2026, se tippromwvi u se tappoġġa soluzzjonijiet lejn is-sovranità tal-UE fuq data li tirdet it-trasport ċivili u militari vitali tagħha u se tftitx kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-istess fehma.
- fl-2027, se tkompli tikkoopera mal-OMI biex tavvanza l-istandards globali armonizzati taċ-ċibersigurtà għas-settur marittimu permezz ta' Kodiċi Ċibernetiku mhux obligatorju.
- sal-2027, se taġġorna l-Linji Gwida tal-ENISA dwar il-Maniġġ tar-Riskji Ċibernetiċi għall-portijiet.
- sal-2027, se twettaq valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà, ikkoordinata fil-livell tal-Unjoni, biex tidentifika r-riskji relatati maċ-ċibersigurtà u se ttrakkomanda miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.

- sal-2027, se toħloq forum għall-awtoritajiet taċ-ċibersigurtà u marittimi/tal-port tal-Istati Membri biex ikunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki.

#### **L-Istati Membri huma mistednin biex:**

- jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà marittima, u jadottaw l-aħjar prattiki kondiviżi fis-Sħubija Pubblika-Privata tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (inkluż it-traffikar tad-droga) u l-korruzzjoni u jindirizzaw is-sigurtà tal-portijiet fl-intier tagħha.
- jagħtu prijorità lill-interoperabbiltà tal-portijiet fis-sistema ferrovjarja tal-UE, kif ukoll lill-kisba ta' "Status ta' Navigazzjoni Tajjeb" sal-2030 għall-passaġġi fuq l-ilma interni.
- jinkludu l-portijiet meta jimplimentaw id-Direttiva dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi (Direttiva CER).
- jiżguraw li l-oġġetti kritiċi jiġu ttrattati u maħżuna f'konformità mar-rekwiżiti tal-mobbiltà militari, mal-istrateġija għall-kumulazzjoni tar-riżervi tal-UE u mar-reġim tas-Sigurtà tal-Provvista introdott mill-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea.
- jottimizzaw l-immappjar, il-kondiviżjoni u l-koordinazzjoni tal-informazzjoni biex jiġu stabbiliti u protetti l-ħażniet u jiġi mminimizzat it-tfixkil, filwaqt li jitqiesu r-rwoli speċifiċi għal portijiet iżgħar.

#### **L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati huma mistiedna biex:**

- jiżviluppaw pjaniġiet għar-reżiljenza klimatika u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-azzjoni għar-reżiljenza klimatika fil-portijiet.
- jipproteġu u jsaħħu l-infrastruttura, is-sovrastruttura u t-tagħmir vulnerabbli u jindirizzaw il-konġestjonijiet, is-aħħu l-isforzi biex jissodaw l-infrastruttura kritika tagħhom.
- jiżguraw biżżejjed ridondanza u kapaċità biex jassorbu d-disturbi fuq perjodu qasir u medju fil-katina loġistika tagħhom u fil-provvista ta' oġġetti kritiċi, li jippermettu speċjalment lill-aktar nodi ta' mobbiltà militari vulnerabbli jilħqu livelli operazzjonali adegwati.

#### **II-Koordinatur tal-EMS se:**

- jiffaċilita l-ippjanar tar-reżiljenza għall-konnettività marittima u taż-żoni interni ma' Koordinaturi għal Kurituri tat-Trasport Ewropew oħra.

### **Pilastru IV – AĊĊESS GĦALL-FINANZI U INVESTIMENT**

#### **II-Kummissjoni:**

- se tapplika l-prinċipji ta' finanzjament żviluppati fl-istrateġija fl-istrumenti ta' finanzjament kollha, inklużi azzjonijiet rilevanti biex jappoġġaw l-innovazzjoni fil-portijiet taħt Orizzont Ewropa 2028-2034.
- se tagħti prijorità lill-appoġġ għall-iżvilupp tal-OPS fil-portijiet, f'sejħa tal-FNE tal-2026.
- se tagħmel l-aħjar użu mill-finanzjament disponibbli skont il-QFP kurrenti biex tappoġġa l-prijoritajiet tal-istrateġija.

- se titlob lis-Servizzi ta' Konsulenza tal-BEI, permezz ta' JASPERS, biex jipprovdu appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet speċifikament għall-portijiet tat-TEN-T żgħar u ta' daqs medju.
- se tinvolvi ruħha ma' Banek u Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali u ma' partijiet ikkonċernati finanzjarji privati biex tidentifika soluzzjonijiet ta' finanzjament addizzjonali għall-portijiet u għall-operaturi marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

#### **II-BEI huwa mistieden biex:**

- ikompli joffri appoġġ ta' finanzjament u ta' konsulenza lis-settur u biex jibqa' involut fi djalogu mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri, mal-finanzjaturi konġunti u mal-industrija biex javvanza l-prijoritajiet tal-istrateġija u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament u għall-assistenza teknika għall-portijiet u n-negozji ta' kull daqs, b'mod partikolari għal operaturi iżgħar, portijiet u SMEs fis-settur tal-portijiet.

#### **L-Istati Membri u r-reġjuni huma mistiedna biex:**

- skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi lokali, jippromwovu l-iżvilupp tal-portijiet tagħhom.

#### **II-partijiet ikkonċernati tal-industrija huma mistiedna biex:**

- isegwu strateġiji progressivi u mhux konvenzjonali, li jintegraw teknoloġiji avvanzati u prattiki sostenibbli innovattivi.

### **Pilastru V – IL-KOEŻJONI SOĊJALI, IL-HILJET U L-IMPJEGI TA' KWALITÀ**

#### **II-Kummissjoni:**

- se tkompli tappoġġa l-koeżjoni territorjali u l-konnettività tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari dawk bi sfidi demografiċi.
- fl-2026, se tinkludi miżuri ta' politika biex issaħħaħ il-kontribuzzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-portijiet għall-komunitajiet lokali fl-Istrateġiji tal-Komunitajiet tal-Gżejjer u tal-Kosta futuri.
- mill-2026, se ssaħħaħ id-djalogi u se tappoġġa l-iżvilupp tal-aħjar prattiki u gwida dwar it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-portijiet u l-bliet.
- fl-2026, se tappoġġa portijiet żgħar u ta' daqs medju bi pjan direzzjonali speċifiku (l-Anness 2).
- fl-2026, se tippubblika pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni tal-enerġija għas-sajd u għall-akkwakultura tal-UE.
- fl-2027, se tgħin fl-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'livell għoli ta' hiljet tal-ġenerazzjoni li jmiss fis-setturi kollha tal-ekonomija blu, inklużi l-portijiet, permezz ta' azzjonijiet taħt l-Istrateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali Blu.
- sal-2027, se tħejji gwida dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza marittima għall-ħaddiema tal-port abbord il-bastimenti.
- mill-2026, se tappoġġa aktar riċerka u gwida dwar il-maniġġ sikur ta' fjuwils alternattivi, rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fiż-żona tal-port skont Orizzont Ewropa.
- sal-2027, se tħejji gwida u materjal ta' taħriġ dwar il-maniġġ sikur ta' fjuwils alternattivi.

**L-Istati Membri huma mistednin biex:**

- jappoġġaw it-titjib fl-infrastruttura, fl-enerġija nadifa u fil-fjuwil, fis-sikurezza u fis-sostenibbiltà għall-portijiet żgħar u ta' daqs medju, b'mod partikolari fuq il-gżejjer, fir-reġjuni remoti u ultraperiferiċi.
- jappoġġaw it-titjib fis-sikurezza u s-sostenibbiltà fil-portijiet u jiżguraw l-implimentazzjoni u r-rispett tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali dwar ix-xogħol u l-ftehimiet ta' negozjar kollettiv.

**Is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra fis-settur huma mistiedna biex:**

- jistabilixxu sħubija ddedikata għall-ħiliet għas-settur tal-portijiet biex jiġu appoġġati t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet u l-inklużjoni tal-ħaddiema.

**L-industrija marittima hija mistiedna biex:**

- tikkoopera mas-sħubija fuq skala kbira għall-ekosistema diġitali fil-Patt għall-Ħiliet sabiex tappoġġa t-titjib tal-ħiliet diġitali fis-settur tal-portijiet.
- tissottometti wegħdiet taħt l-Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi u tuża l-ġhodda tal-Qafas Ewropew għall-Ħiliet fil-Qasam ta' Ċibersigurtà (ECSF) għall-professjonisti tal-portijiet.